Il-Parlament Ewropew
2019-2024

Dokument ta' sessjoni

A9-0253/2021

28.7.2021

***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard
(COM(2020)0726 – C9-0366/2020 – 2020/0320(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Joanna Kopcińska

PR_COD_1amCom

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................85

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS...................................................................87

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........................................................105

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....106

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard**
**(COM(2020)0726 – C9-0366/2020 – 2020/0320(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0726),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 168(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0366/2020),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' April 2021[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Mejju 2021[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0253/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

[1] ĠU C 286, 16.7.2021, p. 109.
[2] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-Unjoni hija impenjata li tipproteġi u ttejjeb is-saħħa tal-bniedem, ***b'mod partikolari fil-ġlieda kontra*** l-akbar flaġelli ***transkonfinali*** tas-saħħa***, b'miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ***, ***it-twissija*** bikrija ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa u l-ġlieda kontrih. | (1) L-Unjoni hija impenjata ***bħala prijorità*** li tipproteġi u ttejjeb is-saħħa tal-bniedem, ***permezz tal-prevenzjoni tal-mard u billi tindirizza*** l-akbar flaġelli tas-saħħa ***permezz tal-monitoraġġ***, ***il-valutazzjoni, il-komunikazzjoni,, it-titjib tat-tħejjija, l-għoti ta' twissija*** bikrija ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa u l-ġlieda kontrih. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Sabiex ikun hemm sistemi tas-saħħa bi prestazzjoni għolja aċċessibbli għal kulħadd, hemm bżonn ta' approċċ olistiku għas-saħħa pubblika. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jingħata l-kompitu li jidentifika u jimmonitorja r-relazzjoni bejn mard mhux komunikabbli maġġuri, bil-ħsieb li jiġi vvalutat l-impatt li l-mard infettiv għandu fuq is-sistemi tas-saħħa inġenerali u l-effett tal-komorbiditajiet fuq ir-riżultati fil-qasam tas-saħħa kif osservat matul il-pandemija tal-COVID-19. Abbażi tal-esperjenza vasta taċ-Ċentru bis-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-mard komunikabbli fil-livell tal-Unjoni, l-għodda eżistenti tiegħu għall-ġbir tad-data (TESSy) u r-rabtiet tiegħu mal-korpi nazzjonali tas-saħħa pubblika responsabbli kemm għall-mard komunikabbli kif ukoll għal dak mhux komunikabbli, iċ-Ċentru jinsab f'pożizzjoni unika biex iwassal informazzjoni komprensiva dwar is-saħħa pubblika li tista' tintuża għat-teħid ta'*** |

***deċiżjonijiet dwar il-politika.***

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-virus responsabbli għall-COVID-19 bħala pandemija globali. ***Mill-isfidi*** mġarrba fir-rispons għall-pandemija deher ċar li ***r-rwol taċ-Ċentru fil-qafas*** tal-Unjoni għat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa jenħtieġ li jissaħaħ. | (3) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-virus responsabbli għall-COVID-19 bħala pandemija globali. ***Minħabba l-isfidi*** mġarrba fir-rispons għall-pandemija***, b'mod partikolari għall-persuni li jsofru minn mard mhux komunikabbli, u fid-dawl tad-diskrepanzi fl-effettività li ġew identifikati fir-reazzjoni tal-Unjoni f'dak ir-rigward,*** deher ċar li ***l-qafas*** tal-Unjoni għat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa jenħtieġ li jissaħħaħ ***u jiġi estiż biex juża aħjar il-potenzjal tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jirrispondu għal pandemiji futuri***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tal-5 ta' Frar 2021 fl-inkjesta strateġika OI/3/2020/TE tidentifika xi diskrepanzi importanti fl-effettività fir-rispons taċ-Ċentru għall-pandemija tal-COVID-19. Is-sistema tal-ġbir tal-informazzjoni taċ-Ċentru hija waħda li tirriżulta f'nuqqas ta' data fil-ħin, kompluta u li tista' titqabbel u għalhekk taffettwa l-potenzjal tal-immudellar u l-previżjoni taċ-Ċentru, il-livell ta' trasparenza ta' dik l-informazzjoni u kif din tiġi kkomunikata lill-pubbliku. Dawk*** |

***in-nuqqasijiet jenħtieġ li jiġu indirizzati f'dan ir-Regolament sabiex ikun żgurat li, fost l-oħrajn, ikun hemm koordinazzjoni u sorveljanza epidemjoloġika mtejba, u komunikazzjoni fil-ħin tal-azzjonijiet taċ-Ċentru u li dawk l-azzjonijiet ikunu aktar trasparenti.***

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Il-kapaċità taċ-Ċentru li jimplimenta kompiti ġodda se tiddependi mil-livell ta' assistenza finanzjarja disponibbli mill-Unjoni, kif ukoll mir-riżorsi umani interni u esterni disponibbli. Sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti l-ġodda fdati lilu b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, iċ-Ċentru se jkollu bżonn finanzjament aktar b'saħħtu u aktar impjegati. Dawn ir-riżorsi ġodda ma' jistgħux jaslu fiċ-Ċentru biss permezz ta' fondi ad hoc orjentati lejn il-proġett, bħal dawk allokati f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] (il-"Programm l-UE għas-Saħħa"), u r-riżorsi diġà allokati liċ-Ċentru fil-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 mhumiex biżżejjed. Huwa għalhekk importanti li l-finanzjament u l-persunal taċ-Ċentru jiżdiedu mal-ewwel opportunità.*** |
| | _______________ |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3c) It-titjib tas-saħħa ġenerali tal-popolazzjoni permezz tal-prevenzjoni tal-mard se jgħin biex titnaqqas is-suxxettibbiltà għal tifqigħat infettivi futuri. Jenħtieġ li jitrawmu sinerġiji ma' inizjattivi oħra tas-saħħa tal-Unjoni, bħal pereżempju l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, jew strumenti tal-Unjoni, bħall-Programm l-UE għas-Saħħa.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3d) L-isfruttament eċċessiv tal-fawna selvaġġa u riżorsi naturali oħrajn u t-telfien aċċelerat tal-bijodiversità joħolqu riskju għas-saħħa tal-bniedem. Peress li s-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali u tal-ambjent huma marbuta b'mod inseparabbli, huwa kruċjali li jittieħed l-approċċ "Saħħa Waħda" biex jiġu indirizzati l-kriżijiet attwali u emerġenti.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Għaldaqstant, dan ir-Regolament jestendi l-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru biex ikabbar il-kapaċità taċ-Ċentru biex | (5) Għaldaqstant, dan ir-Regolament jestendi l-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru biex ikabbar il-kapaċità taċ-Ċentru biex |

| | |
|---|---|
| ikun jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku meħtieġ u biex jappoġġa azzjonijiet li jkunu rilevanti għall-prevenzjoni, għat-tħejjija, għall-ippjanar tar-rispons u għall-ġlieda kontra t-theddid transkonfinali serju għas-saħħa fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament UE.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] [ISC/2020/12524]. | ikun jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku ***sod u indipendenti*** meħtieġ u biex jappoġġa azzjonijiet li jkunu rilevanti għall-prevenzjoni, għat-tħejjija, għall-ippjanar tar-rispons u għall-ġlieda kontra t-theddid transkonfinali serju għas-saħħa fl-Unjoni***, inkluż f'relazzjoni mal-impatt tal-mard komunikabbli fuq il-mard mhux komunikabbli maġġuri u b'mod speċjali l-interkonnessjonijiet bejniethom,*** f'konformità mar-Regolament UE.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] [ISC/2020/12524]. |
| [10] Ir-Regolament (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' DATA dwar it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE [ĠU: jekk jogħġbok daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni għar-Regolament dwar it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa (SCBTH).] | [10] Ir-Regolament (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' DATA dwar it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE [ĠU: jekk jogħġbok daħħal it-titolu sħiħ u r-referenza tal-pubblikazzjoni għar-Regolament dwar it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa (SCBTH).] |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ċ-Ċentru jingħata l-kompitu li jipprovdi l-informazzjoni epidemjoloġika u analiżi tagħha, l-immudellar, l-antiċipazzjoni u t-tbassir epidemjoloġiku, il-valutazzjonijiet tar-riskju rilevanti u r-rakkomandazzjonijiet, u dawn jindikaw l-għażliet għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard komunikabbli. Jenħtieġ li l-azzjonijiet tiegħu jkunu konsistenti mal-approċċ Saħħa Waħda, u jrid jirrikonoxxi r-rabtiet bejn is-saħħa tal-bniedem u s-saħħa tal-annimali u l-ambjent. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jimmonitorja l-kapaċità tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa biex jirrispondu għat-theddid ta' mard | (6) F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ċ-Ċentru jingħata l-kompitu li jipprovdi ***f'waqthom*** l-informazzjoni epidemjoloġika u analiżi tagħha, l-immudellar, l-antiċipazzjoni u t-tbassir epidemjoloġiku, il-valutazzjonijiet tar-riskju rilevanti u r-rakkomandazzjonijiet, u dawn jindikaw l-għażliet għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard komunikabbli. Jenħtieġ li l-azzjonijiet tiegħu jkunu konsistenti mal-approċċ Saħħa Waħda, u jrid jirrikonoxxi r-rabtiet bejn is-saħħa tal-bniedem u s-saħħa tal-annimali u l-ambjent***, peress li ħafna tifqigħat huma ta' oriġini żoonotika.*** Jenħtieġ li ċ-Ċentru jimmonitorja***, jivvaluta u jappoġġa*** l- |

komunikabbli, b'mod partikolari minħabba l-importanza ta' din l-informazzjoni fit-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali ta' tħejjija u ta' rispons. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jappoġġa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni marbutin mal-mard komunikabbli, jipprovdi l-linji gwida għat-trattament u l-ġestjoni tal-każijiet abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-evidenza l-aktar ***riċenti***, jappoġġa r-risponsi għall-epidemija u għat-tifqigħat fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi, inkluż ir-rispons fuq il-post, u b'mod bikri jipprovdi informazzjoni għall-pubbliku li tkun oġġettiva, affidabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-mard komunikabbli. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jistabbilixxi wkoll proċeduri ċari għall-kooperazzjoni mal-atturi tas-saħħa pubblika f'pajjiżi terzi, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tas-saħħa pubblika u b'hekk jikkontribwixxi għall-impenn tal-UE għat-tisħiħ tal-istat ta' tħejjija u l-kapaċità tar-rispons tas-sħab.

kapaċità tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa biex jirrispondu għat-theddid ta' mard komunikabbli, b'mod partikolari minħabba l-importanza ta' din l-informazzjoni fit-tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali ta' tħejjija u ta' rispons***, bil-għan li l-Istati Membri jkunu jistgħu jtejbu l-kapaċitajiet tas-sistemi tas-saħħa tagħhom. Tali pjanijiet jenħtieġ li jinkludu rakkomandazzjonijiet għal interventi ta' politika relatati mal-mitigazzjoni tal-impatt tal-mard komunikabbli fuq is-servizzi tas-saħħa u l-kura, b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' pażjenti li jbatu minn mard mhux komunikabbli maġġuri. Il-monitoraġġ tal-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri jenħtieġ li jkun ibbażat fuq indikaturi u definizzjonijiet komuni sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jkollu d-dritt li jorganizza żjarat regolari fl-Istati Membri biex jivvaluta l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa biex jimmaniġġjaw il-kriżijiet tas-saħħa u spezzjonijiet ad hoc fl-Istati Membri biex jivverifika l-pjanijiet ta' tħejjija u rispons.*** Jenħtieġ li ċ-Ċentru jappoġġa l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-programmi u l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni marbutin mal-mard komunikabbli, jipprovdi l-linji gwida għat-trattament u l-ġestjoni tal-każijiet abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-evidenza l-aktar ***reċenti***, jappoġġa r-risponsi għall-epidemija u għat-tifqigħat fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi, inkluż ir-rispons fuq il-post ***u t-taħriġ tal-persunal***, u b'mod bikri jipprovdi informazzjoni għall-pubbliku li tkun oġġettiva, affidabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-mard komunikabbli. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jistabbilixxi wkoll proċeduri ċari għall-kooperazzjoni mal-atturi tas-saħħa pubblika f'pajjiżi terzi, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tas-saħħa pubblika u b'hekk jikkontribwixxi għall-impenn tal-UE għat-tisħiħ tal-istat ta' tħejjija u l-kapaċità tar-rispons tas-sħab.

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Sabiex jappoġġaw b'mod effettiv il-ħidma taċ-Ċentru u jiżguraw it-twettiq tal-missjoni tiegħu, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jingħataw il-kompitu li*** liċ-Ċentru ***jibgħatulu d-data li tinkiseb mis-sorveljanza*** tal-mard komunikabbli u ***mis-sorveljanza ta'*** problemi tas-saħħa partikolari oħra bħar-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa ***relatati mal-mard li jittieħed, jibgħatulu*** d-data u l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli li tkun rilevanti għall-missjoni taċ-Ċentru, ***li*** jinnotifikaw liċ-Ċentru kull meta jkun hemm xi theddid transkonfinali serju għas-saħħa***, li jibgħatulu*** l-informazzjoni dwar il-preparazzjoni għat-tħejjija u r-rispons u dwar il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa***, u li jipprovdu kull informazzjoni rilevanti li tista' tkun utli għall-koordinazzjoni tar-rispons, kif ukoll li jidentifikaw il-korpi kompetenti u l-esperti tas-saħħa pubblika approvati li jistgħu jagħtu l-għajnuna fir-rispons tal-Unjoni għat-theddid għas-saħħa***. | (7) ***L-aċċess għal data f'waqtha u kompleta huwa prekundizzjoni għaċ-Ċentru biex ikun jista' jwettaq valutazzjonijiet tar-riskju rapidi, inkluż l-immudellar u t-tbassir epidemjoloġiċi.*** Sabiex jappoġġaw b'mod effettiv il-ħidma taċ-Ċentru u jiżguraw it-twettiq tal-missjoni tiegħu, jenħtieġ li l-Istati Membri ***jikkomunikaw, fil-ħin,*** liċ-Ċentru***, data kumparabbli u ta' kwalità għolja dwar is-sorveljanza*** tal-mard komunikabbli***, bħall-HIV, l-epatite virali B u Ċ u t-Tuberkolożi,*** u problemi tas-saħħa partikolari oħra bħar-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa ***u l-impatt tagħhom fuq mard mhux komunikabbli maġġuri, inkluż dak relatat mas-saħħa mentali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu*** d-data u l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli li tkun rilevanti għall-missjoni taċ-Ċentru, jinnotifikaw liċ-Ċentru kull meta jkun hemm xi theddid transkonfinali serju għas-saħħa ***u jipprovdu*** l-informazzjoni dwar il-preparazzjoni għat-tħejjija u r-rispons u dwar il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa***. Biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u rakkomandazzjonijiet diverġenti, l-iskedi taż-żmien, id-definizzjonijiet tal-każi, l-indikaturi, l-istandards, il-protokolli u l-proċeduri għall-komunikazzjoni jenħtieġ li jiġu miftiehma bejn iċ-Ċentru u l-Istati Membri u jenħtieġ li jsir skambju kostanti ta' informazzjoni bejn iċ-Ċentru, id-WHO u l-aġenziji nazzjonali***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(7a) L-integrazzjoni sistematika tal-analiżi u l-valutazzjoni tar-riskji assoċjati mal-fatturi ambjentali, tal-klima u tal-ikel mas-sorveljanza epidemjoloġika, id-dgħufijiet tas-sistemi tal-kura tas-saħħa nazzjonali u l-konċentrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fil-popolazzjoni jenħtieġ li jitrawmu mill-Kummissjoni f'kollaborazzjoni maċ-Ċentru, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, biex jaħdmu lejn approċċ olistiku għall-prevenzjoni u d-detezzjoni kmieni ta' mard komunikabbli. Jenħtieġ li għal dan l-iskop jintużaw l-istrumenti eżistenti, bħall-Osservatorju Ewropew tal-Klima u tas-Saħħa, u strumenti oħrajn li qed jiġu żviluppati, bħall-Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA).*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (8) Jenħtieġ li jitwessa' t-tħaddim miċ-Ċentru ta' networks u attivitajiet ta' networking iddedikati, biex jittejbu l-attivitajiet ta' ppjanar tat-tħejjija u r-rispons fl-Unjoni u biex ikun rifless il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE).../… [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ċ-Ċentru jikkoordina u jipprovdi l-għarfien espert tekniku u xjentifiku lill-Kummissjoni ***u*** lill-Istati Membri permezz ta' networks apposta, permezz ta' korpi kompetenti ta' koordinazzjoni, fosthom | (8) Jenħtieġ li jitwessa' t-tħaddim miċ-Ċentru ta' networks u attivitajiet ta' networking iddedikati, biex jittejbu l-attivitajiet ta' ppjanar tat-tħejjija u r-rispons fl-Unjoni u biex ikun rifless il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE).../… [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ċ-Ċentru jikkoordina u jipprovdi l-għarfien espert tekniku u xjentifiku lill-Kummissjoni**,** lill-Istati Membri ***u lill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa ("HSC")*** permezz ta' networks apposta, permezz ta' |

| | |
|---|---|
| networks stabbiliti ġodda għal-laboratorji u għall-appoġġ tat-trasfużjoni, tat-trapjanti u tar-riproduzzjoni assistita medikament**,** | korpi kompetenti ta' koordinazzjoni, fosthom ***bl-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni fi ħdan*** networks stabbiliti ġodda ***tal-Unjoni*** għal-laboratorji u għall-appoġġ tat-trasfużjoni, tat-trapjanti u tar-riproduzzjoni assistita medikament**.** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Bil-ħsieb li tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza epidemjoloġika tal-mard komunikabbli u tal-problemi tas-saħħa partikolari relatati fl-Unjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru jingħata l-kompiti li jkompli jiżviluppa aktar pjattaformi u applikazzjonijiet diġitali, jappoġġa s-sorveljanza epidemjoloġika fil-livell tal-Unjoni, jippermetti l-użu ta' teknoloġiji diġitali, bħall-intelliġenza artifiċjali, fil-kompilazzjoni u fl-analiżi tad-data, u jipprovdi l-pariri tekniċi u xjentifiċi lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sistemi ta' sorveljanza epidemjoloġika integrati. Tali pjattaformi u applikazzjonijiet diġitali jenħtieġ li jiġu żviluppati b'data integrata ġġenerata fl-ispazju tal-UE bl-intenzjoni li fil-futur jiġu integrati fl-Ispazju Ewropew għad-Data dwar is-Saħħa kif irregolat mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. | (9) Bil-ħsieb li tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza epidemjoloġika ***u l-monitoraġġ tal-ittestjar u tat-trattament*** tal-mard komunikabbli, ***l-interkonnessjoni tagħhom mal-mard mhux komunikabbli*** u tal-problemi tas-saħħa partikolari relatati fl-Unjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru jingħata l-kompiti li jkompli jiżviluppa aktar pjattaformi u applikazzjonijiet diġitali ***siguri u interoperabbli***, jappoġġa s-sorveljanza epidemjoloġika fil-livell tal-Unjoni, jippermetti l-użu ta' teknoloġiji diġitali, bħall-intelliġenza artifiċjali ***u l-immudellar u s-simulazzjoni tal-kompjuter***, fil-kompilazzjoni u fl-analiżi tad-data, u jipprovdi l-pariri tekniċi u xjentifiċi lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sistemi ta' sorveljanza epidemjoloġika integrati. Tali pjattaformi u applikazzjonijiet diġitali jenħtieġ li jiġu żviluppati b'data integrata ġġenerata fl-ispazju tal-UE bl-intenzjoni li fil-futur jiġu integrati fl-Ispazju Ewropew għad-Data dwar is-Saħħa kif irregolat mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jivvalutaw is-sitwazzjoni epidemjoloġika u jwettqu valutazzjoni tar-riskju u rispons preċiżi, jenħtieġ li b'mod partikolari ċ-Ċentru jimmonitorja u jirrapporta dwar ix-xejriet fil-mard komunikabbli, jappoġġa u jiffaċilita l-azzjonijiet ta' rispons ibbażati fuq l-evidenza, jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-programmi ta' prevenzjoni u kontroll tal-mard komunikabbli stabbiliti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, jimmonitorja ***u*** jivvaluta ***l-kapaċità*** tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa għad-dijanjostikar, il-prevenzjoni ***u*** t-trattament tal-mard komunikabbli, anki b'mod sensittiv għall-ġeneru, jidentifika l-gruppi tal-popolazzjoni li jinsabu f'riskju u li jeħtieġu miżuri speċifiċi, janalizza t-tqabbil tal-fatturi soċjetali ***u*** ambjentali mal-inċidenza tal-mard, u jidentifika l-fatturi tar-riskju għat-trażmissjoni, u għas-severità tal-mard komunikabbli, u jidentifika l-prijoritajiet u l-oqsma fejn hemm l-aktar bżonn ta' riċerka. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jaħdem ma' punti ta' kuntatt nazzjonali nnominati għas-sorveljanza, li jiffurmaw network li jagħti l-pariri b'mod strateġiku liċ-Ċentru dwar tali kwistjonijiet u jippromwovi l-użu ta' setturi abilitanti, bħad-data u s-servizzi spazjali tal-UE. | (10) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jivvalutaw is-sitwazzjoni epidemjoloġika u jwettqu valutazzjoni tar-riskju u rispons preċiżi, jenħtieġ li b'mod partikolari ċ-Ċentru***, abbażi ta' sett ta' indikaturi komuni proposti miċ-Ċentru u żviluppati f'kollaborazzjoni u konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, jidentifika t-theddid emerġenti għas-saħħa,*** jimmonitorja u jirrapporta dwar ix-xejriet fil-mard komunikabbli, jappoġġa***, jikkoordina*** u jiffaċilita l-azzjonijiet ta' rispons ibbażati fuq l-evidenza, jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-programmi ta' prevenzjoni u kontroll tal-mard komunikabbli stabbiliti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, jimmonitorja***,*** jivvaluta ***u jappoġġa lill-Istati Membri bil-għan li jikseb konverġenza 'l fuq tal-kapaċità*** tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa għad-dijanjostikar, il-prevenzjoni***, i***t-trattament ***u l-konteniment tat-tixrid*** tal-mard komunikabbli, anki b'mod sensittiv għall-ġeneru, jidentifika l-gruppi tal-popolazzjoni li jinsabu f'riskju u li jeħtieġu miżuri speċifiċi, janalizza t-tqabbil tal-fatturi soċjetali***,*** ambjentali ***u klimatiċi*** mal-inċidenza tal-mard***, jikkunsidra l-impatt tal-komorbiditajiet fuq pazjenti b'mard komunikabbli u fuq it-trattament tagħhom*** u jidentifika l-fatturi tar-riskju għat-trażmissjoni, u għas-severità tal-mard komunikabbli, u jidentifika l-prijoritajiet u l-oqsma fejn hemm l-aktar bżonn ta' riċerka. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jaħdem ma' punti ta' kuntatt nazzjonali nnominati għas-sorveljanza, li jiffurmaw network li jagħti l-pariri b'mod strateġiku liċ-Ċentru dwar tali kwistjonijiet u jippromwovi l-użu ta' setturi abilitanti, bħad-data u s-servizzi spazjali tal-UE. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jgħin biex fl-Unjoni tissaħħaħ il-kapaċità għall-antiċipazzjoni, għad-dijanjostikar, għall-individwar, għall-identifikazzjoni, u għall-karatterizzazzjoni ta' aġenti infettivi li jistgħu jheddu s-saħħa pubblika billi jiżgura t-tħaddim ***tan-network*** tal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE).../... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]. Dan in-network huwa responsabbli mill-promozzjoni ta' prattika tajba u l-allinjament dwar id-dijanjostika, il-metodi tal-ittestjar, u l-użu tat-testijiet, sabiex jiġu żgurati s-sorveljanza, in-notifika u r-rappurtar uniformi tal-mard, kif ukoll il-kwalità msaħħa tal-ittestjar u tas-sorveljanza. | (11) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jgħin biex fl-Unjoni tissaħħaħ il-kapaċità għad-dijanjostikar, għall-identifikazzjoni, u għall-karatterizzazzjoni ta' aġenti infettivi li jistgħu jheddu s-saħħa pubblika billi jiżgura t-tħaddim ***b'mod integrat ta' network iddedikat*** tal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE).../... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]. Dan in-network huwa responsabbli mill-promozzjoni ta' prattika tajba u l-allinjament dwar id-dijanjostika, il-metodi tal-ittestjar, ***it-taħriġ fi proċeduri attwali u innovattivi*** u l-użu tat-testijiet, sabiex jiġu żgurati s-sorveljanza, in-notifika u r-rappurtar uniformi u ***standardizzati*** tal-mard, kif ukoll il-kwalità msaħħa tal-ittestjar u tas-sorveljanza. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) F'każ ta' theddid transkonfinali għas-saħħa kkawżat minn mard komunikabbli, is-servizzi tad-demm u tat-trapjant fl-Istati Membri jistgħu jipprovdu mezz għall-ittestjar rapidu tal-popolazzjoni donatur u jivvalutaw l-esponiment għall-marda u l-immunità minnha fil-popolazzjoni ġenerali. Biex jipproteġu lill-pazjenti li jkollhom bżonn trattamenti magħmulin minn sustanzi ta' oriġini mill-bniedem milli jieħdu xi marda komunikabbli, dawn is-servizzi jiddependu ***mill-valutazzjonijiet*** tar-riskju ***rapidi*** min-naħa taċ-Ċentru. Dawn il-valutazzjonijiet tar-riskju jservu ta' bażi għall-addattament | (12) F'każ ta' theddid transkonfinali għas-saħħa kkawżat minn mard komunikabbli, is-servizzi tad-demm u tat-trapjant fl-Istati Membri jistgħu jipprovdu mezz għall-ittestjar rapidu tal-popolazzjoni donatur u jivvalutaw l-esponiment għall-marda u l-immunità minnha fil-popolazzjoni ġenerali. Biex jipproteġu lill-pazjenti li jkollhom bżonn trattamenti magħmulin minn sustanzi ta' oriġini mill-bniedem milli jieħdu xi marda komunikabbli, dawn is-servizzi jiddependu minn ***valutazzjoni*** tar-riskju ***rapida, komprensiva u preċiża*** min-naħa taċ-Ċentru. Dawn il-valutazzjonijiet tar-riskju |

| | |
|---|---|
| xieraq tal-miżuri li jistabbilixxu l-istandards ta' kwalità u sikurezza għas-sustanzi ta' oriġini mill-bniedem. ***Biex jaqdu dan l-iskop,*** jenħtieġ li ċ-Ċentru jistabbilixxi u jħaddem network ta' servizzi nazzjonali ***tad-demm u tat-trapjanti*** u tal-awtoritajiet tagħhom. | jservu ta' bażi għall-addattament xieraq tal-miżuri li jistabbilixxu l-istandards ta' kwalità u sikurezza għas-sustanzi ta' oriġini mill-bniedem. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jistabbilixxi u jħaddem network ta' servizzi nazzjonali u tal-awtoritajiet tagħhom ***għas-sikurezza mikrobijoloġika tas-sustanzi ta' oriġini umana (SoHO) li jkunu jinkludu t-trasfużjoni, it-trapjanti u r-riproduzzjoni assistita.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Biex inaqqas l-okkorrenza tal-epidemiji u jsaħħaħ il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni tal-mard komunikabbli fl-Unjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru jiżviluppa qafas għall-prevenzjoni tal-mard komunikabbli, li jindirizza kwistjonijiet bħall-mard prevenibbli b'vaċċin, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-edukazzjoni dwar is-saħħa, il-litteriżmu fis-saħħa ***u t-tibdil*** fl-imġiba. | (13) Biex inaqqas l-okkorrenza tal-epidemiji u jsaħħaħ il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni tal-mard komunikabbli fl-Unjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru***, f'ħidma konġunta mal-Istati Membri sabiex jitqiesu l-esperjenzi u s-sitwazzjonijiet rispettivi tagħhom,*** jiżviluppa qafas għall-prevenzjoni tal-mard komunikabbli, li jindirizza kwistjonijiet bħall-mard prevenibbli b'vaċċin, ***l-eżitazzjoni għat-tilqim, is-sensibilizzazzjoni dwar ir-rotot ta' trażmissjoni,*** ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-edukazzjoni dwar is-saħħa, il-litteriżmu fis-saħħa***, l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, it-tibdil*** fl-imġiba ***u rabtiet ma' mard mhux komunikabbli maġġuri. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jipprovdi linji gwida għall-Istati Membri u jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' dak il-qafas mill-Istati Membri.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jtejjeb il-kapaċitajiet ta' tħejjija u ta' rispons fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni billi jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku u tekniku lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru jwettaq diversi azzjonijiet, fosthom l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' tħejjija u ta' rispons tal-Unjoni u nazzjonali, u o***ħ***fsa ta' monitoraġġ u valutazzjoni tat-tħejjija, jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal tifqigħat ta' mard u dwar it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jiġbor u janalizza firxa usa' ta' data, mis-sorveljanza epidemjoloġika u dwar kwistjonijiet tas-saħħa relatati, dwar il-progress ta' sitwazzjonijiet ta' epidemija, dwar fenomeni mhux normali fl-epidemiji, jew meta jkun hemm xi mard ġdid ta' oriġini mhux magħrufa, anki f'pajjiżi terzi, jiġbor ukoll id-data molekulari dwar il-patoġeni ***u d-data*** tas-sistemi tas-saħħa. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ċ-Ċentru jiżgura settijiet tad-data xierqa kif ukoll il-proċeduri biex jiffaċilita l-konsultazzjoni, u t-trażmissjoni tad-data u l-aċċess għaliha, iwettaq evalwazzjoni xjentifika u teknika tal-miżuri ta' prevenzjoni u kontroll fil-livell tal-Unjoni u jaħdem ***mal-aġenziji***, mal-korpi kompetenti u mal-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-ġbir tad-data. | (14) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jtejjeb il-kapaċitajiet ta' tħejjija u ta' rispons fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni billi jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku u tekniku lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru jwettaq diversi azzjonijiet, fosthom l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' tħejjija u ta' rispons tal-Unjoni ***u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-pjanijiet ta' tħejjija*** u ***ta' rispons*** nazzjonali, u o***q***fsa ta' monitoraġġ u valutazzjoni tat-tħejjija, jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal tifqigħat ta' mard u dwar it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali***, inkluż billi jipprovdi taħriġ u skambju tal-aħjar prattiki.*** Jenħtieġ li ċ-Ċentru jiġbor u janalizza firxa usa' ta' data, mis-sorveljanza epidemjoloġika u dwar kwistjonijiet tas-saħħa relatati, dwar il-progress ta' sitwazzjonijiet ta' epidemija, dwar fenomeni mhux normali fl-epidemiji, jew meta jkun hemm xi mard ġdid ta' oriġini mhux magħrufa, anki f'pajjiżi terzi, jiġbor ukoll id-data molekulari dwar il-patoġeni***, i***d-data tas-sistemi tas-saħħa***, u d-data dwar l-interkonnessjonijiet bejn il-mard komunikabbli u l-mard mhux komunikabbli maġġuri***. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ċ-Ċentru jiżgura settijiet tad-data xierqa kif ukoll il-proċeduri biex jiffaċilita l-konsultazzjoni, u t-trażmissjoni tad-data u l-aċċess għaliha ***b'mod sigur***, iwettaq evalwazzjoni xjentifika u teknika tal-miżuri ta' prevenzjoni u kontroll fil-livell tal-Unjoni u jaħdem ***mad-WHO, l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti***, mal-korpi kompetenti u mal-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-ġbir tad-data. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Regolament.../... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]] jipprevedi sistema ta' twissija bikrija u ta' rispons li tippermetti n-notifika fil-livell tal-Unjoni ta' twissijiet relatati ma' theddid transkonfinali serju għas-saħħa li għadha titħaddem mill-ECDC. Peress li t-teknoloġiji moderni jistgħu jkunu ta' appoġġ sostanzjali fil-ġlieda kontra t-theddid għas-saħħa u biex irażżnu u jreġġgħu lura l-epidemiji, jenħtieġ li l-ECDC jaħdem fuq l-aġġornament ta' din is-sistema biex tkun tippermetti l-użu ***ta' teknoloġiji*** tal-intelliġenza artifiċjali u għodod diġitali interoperabbli u li jippreservaw il-privatezza, bħal applikazzjonijiet mobbli, b'funzjonalitajiet ta' traċċar li jidentifikaw lill-individwi f'riskju**.** | (15) Regolament.../... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]] jipprevedi sistema ta' twissija bikrija u ta' rispons li tippermetti n-notifika fil-livell tal-Unjoni ta' twissijiet relatati ma' theddid transkonfinali serju għas-saħħa li għadha titħaddem mill-ECDC. Peress li t-teknoloġiji moderni jistgħu jkunu ta' appoġġ sostanzjali fil-ġlieda kontra t-theddid għas-saħħa u biex irażżnu u jreġġgħu lura l-epidemiji, jenħtieġ li l-ECDC jaħdem fuq l-aġġornament ta' din is-sistema biex tkun tippermetti l-użu tal-intelliġenza artifiċjali***, ta' computing ta' prestazzjoni għolja, ta' provi kliniċi in silico u ta' teknoloġiji tewmin diġitali*** u għodod diġitali interoperabbli u li jippreservaw il-privatezza, bħal applikazzjonijiet mobbli, b'funzjonalitajiet ta' traċċar li jidentifikaw lill-individwi f'riskju***, filwaqt li jimmitiga r-riskji, bħal dawk marbuta ma' settijiet tad-data preġudikati, disinn tas-sistema ħażin, nuqqas ta' data ta' kwalità, u dipendenza żejda fuq teknoloġiji tat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, u jqis l-importanza li jiġu stabbiliti salvagwardji biex jiġu mitigati dawk ir-riskji matul il-fażijiet tad-disinn u l-implimentazzjoni tat-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jistabbilixxi l-kapaċitajiet xierqa biex jappoġġa r-rispons internazzjonali u fuq il-post, f'konformità mar-Regolament.../... [ĠU: jekk jogħġbok | (16) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jistabbilixxi l-kapaċitajiet xierqa biex jappoġġa r-rispons internazzjonali***, interreġjonali*** u fuq il-post, f'konformità mar-Regolament.../... |

| | |
|---|---|
| daħħal ir-referenza għar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]. Jenħtieġ li dawn il-kapaċitajiet jippermettu li ċ-Ċentru jimmobilizza u jiskjera timijiet ta' assistenza f'każ ta' tifqigħa, magħrufa bħala "Task Force tal-UE għas-Saħħa", biex jassistu r-risponsi lokali għat-tifqigħat ta' mard. Għalhekk jenħtieġ li ***iċ-Ċentru*** jiżgura l-kapaċità li jwettaq missjonijiet fl-Istati Membri kif ukoll f'pajjiżi terzi u li jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar ir-rispons għat-theddid għas-saħħa. Dawn it-timijiet ikunu jistgħu jiġu skjerati wkoll fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili bl-appoġġ taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jappoġġa wkoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' tħejjija skont ir-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa (IHR) f' pajjiżi terzi, sabiex jindirizza t-theddid transkonfinali serju għas-saħħa u l-konsegwenzi tiegħu. | [ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza għar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]. Jenħtieġ li dawn il-kapaċitajiet jippermettu li ċ-Ċentru jimmobilizza u jiskjera timijiet ta' assistenza f'każ ta' tifqigħa, magħrufa bħala "Task Force tal-UE għas-Saħħa", biex jassistu r-risponsi lokali għat-tifqigħat ta' mard ***u jiġbru d-data fuq il-post***. Għalhekk jenħtieġ li ***ċ-Ċentru*** jiżgura l-kapaċità ***permanenti*** li jwettaq missjonijiet fl-Istati Membri kif ukoll f'pajjiżi terzi u li jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar ir-rispons għat-theddid għas-saħħa. Dawn it-timijiet ikunu jistgħu jiġu skjerati wkoll fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili bl-appoġġ taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jappoġġa wkoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' tħejjija skont ir-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa (IHR) f' pajjiżi terzi, sabiex jindirizza t-theddid transkonfinali serju għas-saħħa u l-konsegwenzi tiegħu. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Biex jgħin fir-risponsi għat-tifqigħat li jistgħu jinfirxu fl-Unjoni jew lejha, iċ-Ċentru jrid jiżviluppa ***qafas għall-mobilizzazzjoni tat-Task*** Force tal-UE għas-Saħħa f'konformità mad-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] u jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-esperti tar-rispons tal-Unjoni fuq il-post f'timijiet ta' rispons internazzjonali b'appoġġ ***għall-Mekkaniżmu*** tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jtejjeb il-kapaċità tal-persunal tiegħu kif ukoll ta' esperti minn pajjiżi tal-Unjoni u taż-ŻEE, tal-pajjiżi kandidati u ta' pajjiżi kandidati potenzjali, kif ukoll tal-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u | (17) Biex jgħin fir-risponsi għat-tifqigħat li jistgħu jinfirxu fl-Unjoni jew lejha, iċ-Ċentru jrid jiżviluppa ***Task*** Force ***permanenti*** tal-UE għas-Saħħa ***u qafas għall-mobilizzazzjoni tagħha*** f'konformità mad-Deċiżjoni 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] u jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-esperti tar-rispons tal-Unjoni fuq il-post f'timijiet ta' rispons internazzjonali b'appoġġ ***u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Mekkaniżmu*** tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jtejjeb il-kapaċità tal-persunal tiegħu kif ukoll ta' esperti minn pajjiżi tal-Unjoni u taż-ŻEE, tal-pajjiżi kandidati u ta' pajjiżi kandidati |

pajjiżi sħab tal-UE kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], biex jipparteċipaw b'mod effettiv f'missjonijiet fuq il-post u fil-ġestjoni tal-kriżijiet.

potenzjali, kif ukoll tal-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u pajjiżi sħab tal-UE kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], biex jipparteċipaw b'mod effettiv f'missjonijiet fuq il-post u fil-ġestjoni tal-kriżijiet. ***Għalhekk, jenħtieġ li ċ-Ċentru jiżviluppa qafas ta' livelli ta' għarfien espert rikonoxxibbli.***

---

[11] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

[11] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) L-Istati Membri, il-Kummissjoni u ċ-Ċentru jenħtieġ li jidentifikaw korpi kompetenti rikonoxxuti u esperti tas-saħħa pubblika, kemm fl-oqsma ta' mard komunikabbli kif ukoll ta' mard mhux komunikabbli, disponibbli biex jassistu fir-rispons tal-Unjoni għat-theddid għas-saħħa. Tali esperti u partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jenħtieġ li jkunu involuti strutturalment fl-attivitajiet kollha taċ-Ċentru u jikkontribwixxu għall-proċessi ta' konsulenza u tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu. Jenħtieġ li tiġi żgurata konformità sħiħa mar-regoli dwar it-trasparenza u l-kunflitt ta' interess għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17b) Sabiex tinbena Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħitha, jenħtieġ li ċ-Ċentru jiffaċilita ż-żieda fil-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki ma' istituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-Unjoni, inkluża l-Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA) futura, u jiżgura l-koordinazzjoni tal-approċċi kif ukoll jimminimizza d-duplikazzjoni tal-isforzi.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17c) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi kompetenti u l-organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika b'mod partikolari mad-WHO.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17d) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jikkomunika lill-pubbliku ġenerali b'mod effettiv u trasparenti dwar ir-riskji attwali u emerġenti għas-saħħa. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jippubblika l-istudji xjentifiċi, il-ħarsa ġenerali, l-istħarriġ, ir-rapporti, il-valutazzjonijiet tar-riskju rapidi u l-*** |

***valutazzjonijiet tal-kapaċitajiet tas-sistemi tas-saħħa fil-ħin sabiex tiżdied it-trasparenza. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li ċ-Ċentru jindirizza kwistjonijiet rigward it-trasparenza kif iddikjarat fid-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tal-5 ta' Frar 2021 fl-inkjesta strateġika OI/3/2020/TE.***

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17e) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri u bilanċ ġeografiku fil-livelli tal-persunal u tal-maniġment kif ukoll jiżgura approċċ sensittiv għall-ġeneru fl-operazzjonijiet kollha tiegħu.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Sabiex jiġu vvalutati l-effettività u l-effiċjenza tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli għaċ-Ċentru, jixraq li tiġi prevista evalwazzjoni ***regolari*** mill-Kummissjoni tal-prestazzjoni taċ-Ċentru. | (18) Sabiex jiġu vvalutati l-effettività u l-effiċjenza tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli għaċ-Ċentru, jixraq li tiġi prevista evalwazzjoni ***annwali*** mill-Kummissjoni tal-prestazzjoni taċ-Ċentru. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jagħtix setgħat regolatorji liċ-Ċentru. | (19) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jagħtix setgħat regolatorji liċ-Ċentru. ***Madankollu, jenħtieġ li ċ-Ċentru jeżerċita kompetenzi wiesgħa ta' koordinazzjoni u*** |

***s-setgħa li jipprovdi rakkomandazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u interreġjonali fil-forma ta' proposti ċari u uniformi bbażati fuq ix-xjenza.***

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Minħabba n-natura sensittiva tad-data dwar is-saħħa, iċ-Ċentru jenħtieġ li jissalvagwardja u jiggarantixxi li l-operazzjonijiet ta' pproċessar tiegħu jirrispettaw il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data ta' legalità, ġustizzja, trasparenza, limitazzjoni tal-iskop, minimizzazzjoni tad-data, akkuratezza, limitazzjoni tal-ħżin, integrità u kunfidenzjalità. Fir-rigward tal-kompiti l-ġodda mogħtija liċ-Ċentru b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li ċ-Ċentru jadotta miżuri speċifiċi biex jimminimizza r-riskji li jistgħu jirriżultaw mit-trasferiment ta' data tdistorta jew data mhux kompluta minn sorsi multipli, kif ukoll jistabbilixxi proċeduri għal rieżami tal-kwalità tad-data. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jirrispetta strettament il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data kif stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], filwaqt li jiddetermina wkoll miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà xierqa f'konformità mal-Artikolu 33 tiegħu.*** |
| | ___________________ |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE*** |

*(ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20b) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jenħtieġ li jkun responsabbli li jimmonitorja u jiżgura l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali miċ-Ċentru, u biex jagħti pariri liċ-Ċentru u lis-suġġetti tad-data dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar tad-data personali. Meta l-ipproċessar ta' data personali ma jkunx meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet taċ-Ċentru, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri biex jiġi żgurat l-użu ta' data anonima f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data. Meta l-anonimizzazzjoni ma tippermettix li jintlaħaq l-għan speċifiku tal-ipproċessar, jenħtieġ li d-data tiġi psewdonimizzata. Meta, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ikun hemm bżonn li tiġi pproċessata data personali, dan jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali abbażi ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill[1a], ir-Regolament (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b]. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE.*** |

__________________

***[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).***

***[1b] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).***

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20c) Sabiex tkun konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-twaqqif tal-kategoriji tas-suġġetti tad-data fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-ipproċessar u l-kategoriji tad-data personali pproċessata, flimkien ma' deskrizzjoni tal-miżuri speċifiċi għas-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-data involuti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell espert, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-*** |

***Liġijiet[1a] . B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.***

***[1a] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.***

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament li jespandi l-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru sabiex tissaħħaħ il-kapaċità taċ-Ċentru biex jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku meħtieġ u biex jappoġġa azzjonijiet li jiġġieldu t-theddid transkonfinali serju għas-saħħa fl-Unjoni ma jistgħux jinkisbu sew mill-Istati Membri, iżda minħabba n-natura transkonfinali tat-theddid għas-saħħa u l-ħtieġa ta' rispons rapidu, ikkoordinat u koerenti, dawn jistgħu jinkisbu fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet. | (22) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament li jespandi l-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru sabiex tissaħħaħ il-kapaċità taċ-Ċentru biex jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku meħtieġ u biex jappoġġa azzjonijiet li jiġġieldu t-theddid transkonfinali serju għas-saħħa fl-Unjoni ma jistgħux jinkisbu sew mill-Istati Membri, iżda minħabba n-natura transkonfinali tat-theddid għas-saħħa u l-ħtieġa ta' rispons rapidu, ikkoordinat ***aħjar*** u koerenti ***għal theddid emerġenti ġdid għas-saħħa***, dawn jistgħu jinkisbu fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) "prevenzjoni u kontroll tal-mard tal-bniedem" tfisser il-firxa ta' rakkomandazzjonijiet li jinħarġu u l-miżuri li jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri u l-Unjoni, bħal pereżempju ċ-Ċentru, għall-prevenzjoni u t-trażżin tat-tixrid tal-mard;*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "network dedikat" tfisser kwalunkwe network speċifiku dwar il-mard, dwar kwistjonijiet speċjali tas-saħħa jew funzjonijiet tas-saħħa pubblika ***biex tiġi żgurata*** kollaborazzjoni bejn il-korpi kompetenti koordinaturi tal-Istati Membri; | (3) "network dedikat" tfisser kwalunkwe network speċifiku dwar il-mard, dwar kwistjonijiet speċjali tas-saħħa jew funzjonijiet tas-saħħa pubblika ***li huwa appoġġat u kkoordinat miċ-Ċentru u huwa intenzjonat li jiżgura*** kollaborazzjoni bejn il-korpi kompetenti koordinaturi tal-Istati Membri; |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) "marda mhux komunikabbli maġġuri" tfisser marda kronika jew li thedded il-ħajja, li għandha t-tendenza li ddum għal żmien twil u li tirriżulta minn*** |

| | |
|---|---|
| | ***taħlita ta' fatturi ġenetiċi, fiżjoloġiċi, ambjentali u ta' mġiba, bħal mard kardjovaskolari, il-kanċer, mard respiratorju, id-dijabete jew mard mentali, u li taffettwa għadd sinifikanti ta' persuni fl-Unjoni;*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem permezz tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard komunikabbli fil-bnedmin u ***tal-kwistjonijiet*** speċjali tas-saħħa relatati stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]] , il-missjoni taċ-Ċentru għandha tkun li jidentifika, jivvaluta ***u*** jirrapporta dwar theddid għas-saħħa tal-bniedem, attwali u li qed jiżviluppa, minn mard komunikabbli, u li jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet ***dwar ir-rispons*** fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, kif ukoll fil-livell reġjonali, ***jekk meħtieġ***. | Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem permezz tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard komunikabbli fil-bnedmin u ***mard u kwistjonijiet ta' saħħa mhux komunikabbli maġġuri rilevanti, inklużi l-kwistjonijiet*** speċjali tas-saħħa relatati stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]], il-missjoni taċ-Ċentru għandha tkun li jidentifika, jivvaluta***,*** jirrapporta ***u, fejn ikun xieraq, jiżgura li l-informazzjoni tiġi ppreżentata b'mod aċċessibbli faċilment*** dwar theddid għas-saħħa tal-bniedem, attwali u li qed jiżviluppa, ***minn mard komunikabbli u mard u kwistjonijiet ta' saħħa mhux komunikabblu maġġuri rilevanti f'kollaborazzjoni mal-korpi kompetenti tal-Istati Membri jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess, permezz tan-network dedikat***, u li jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet ***u jagħti appoġġ fil-koordinazzjoni tar-rispons*** fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, kif ukoll fil-livell ***interreġjonali u*** reġjonali, ***fejn ikun xieraq***. ***Meta jipprovdi tali rakkomandazzjonijiet, iċ-Ċentru għandu jqis il-pjanijiet nazzjonali eżistenti ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ċ-ċirkostanzi rispettivi ta' kull Stat Membru.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'każ ta' tifqigħ ieħor ta' mard ta' oriġini mhux magħrufa li jista' jinfirex fl-Unjoni jew lejha, iċ-Ċentru għandu jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu sakemm isir magħruf is-sors tat-tifqigħa. F'każ ta' tifqigħa li b'mod ċar ma tkunx ikkawżata minn mard komunikabbli, iċ-Ċentru għandu jaġixxi ***biss*** b'koperazzjoni ***mal-awtorità*** kompetenti ***meta dik l-awtorità titolbu***. | F'każ ta' tifqigħ ieħor ta' mard ta' oriġini mhux magħrufa li jista' jinfirex fl-Unjoni jew lejha, iċ-Ċentru għandu jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu sakemm isir magħruf is-sors tat-tifqigħa. F'każ ta' tifqigħa li b'mod ċar ma tkunx ikkawżata minn mard komunikabbli, iċ-Ċentru għandu jaġixxi b'koperazzjoni ***mal-korpi*** kompetenti ***fuq talba tagħhom u jipprovdi valutazzjoni tar-riskju***. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fl-insegwiment tal-missjoni tiegħu, iċ-Ċentru għandu jqis ir-responsabbiltajiet kollha tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-aġenziji l-oħra tal-Unjoni, kif ukoll ir-responsabbiltajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa pubblika, sabiex jiżgura l-kompletezza, il-koerenza u l-komplementarjetà tal-azzjoni. | Fl-insegwiment tal-missjoni tiegħu, iċ-Ċentru għandu jqis ir-responsabbiltajiet ***u l-kompetenzi*** kollha tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-***korpi jew*** aġenziji l-oħra tal-Unjoni, kif ukoll ir-responsabbiltajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa pubblika, sabiex jiżgura ***l-koordinazzjoni,*** l-kompletezza, il-koerenza***, il-konsistenza*** u l-komplementarjetà tal-azzjoni. |

*Emenda 39*

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fi ħdan ***il-kapaċità finanzjarja u l-mandat*** tiegħu, iċ-Ċentru għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin: | 2. Fi ħdan ***il-mandat*** tiegħu, iċ-Ċentru għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin: |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ifittex, jiġbor, jgħaqqad flimkien, jevalwa u jikkomunika d-data u l-informazzjoni xjentifika u teknika rilevanti, filwaqt li jqis it-teknoloġiji l-iżjed ***riċenti***; | (a) ifittex, jiġbor, jgħaqqad flimkien, jevalwa u jikkomunika d-data u l-informazzjoni xjentifika u teknika rilevanti, filwaqt li jqis it-teknoloġiji l-iżjed ***reċenti disponibbli, inkluża l-intelliġenza artifiċjali;*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jiżviluppa f'kollaborazzjoni u konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, indikaturi komuni rilevanti għal proċeduri tal-ġbir tad-data standardizzati, valutazzjonijiet tar-riskju u l-appoġġ ta' konverġenza 'l fuq tal-ġestjoni tal-mard komunikabbli mill-Istati Membri;*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) f'kollaborazzjoni u konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, jistabbilixxi skedi taż-żmien u proċeduri għall-iskambju tal-informazzjoni dwar il-mard mhux komunikabbli maġġuri li għalih hemm referenza fil-punt (ha) u l-indikaturi neċessarji għall-valutazzjoni tal-impatti li għalihom hemm referenza f'dak il-punt;*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jipprovdi analiżijiet, pariri xjentifiċi, opinjonijiet u appoġġ għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri b'rispons għad-theddid transkonfinali għas-saħħa, li jinkludu l-valutazzjonijiet tar-riskju, l-analiżi ta' informazzjoni epidemjoloġika, l-immudellar, l-antiċipazzjoni u t-tbassir epidemjoloġiċi, rakkomandazzjonijiet ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' theddid ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa, ***jgħin fid-definizzjoni*** tal-prijoritajiet tar-riċerka***, u jagħti l-assistenza xjentifika u teknika, fosthom it-taħriġ u attivitajiet oħra fi ħdan il-mandat tiegħu;*** | (b) jipprovdi analiżijiet, pariri xjentifiċi, opinjonijiet***, linji gwida*** u appoġġ għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri b'rispons għad-theddid transkonfinali għas-saħħa, li jinkludu l-valutazzjonijiet tar-riskju, l-analiżi ta' informazzjoni epidemjoloġika, l-immudellar, l-antiċipazzjoni u t-tbassir epidemjoloġiċi, rakkomandazzjonijiet ta' azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' theddid ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa***, inklużi impatti serji oħra possibbli fuq pazjenti li jbatu minn mard mhux komunikabbli maġġuri, u kontributi fir-rigward tad-definizzjoni*** tal-prijoritajiet tar-riċerka; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jidentifika u jimmonitorja l-impatt tal-mard mhux komunikabbli maġġuri fuq l-inċidenza, il-gravità u r-rati ta' mortalità tal-mard komunikabbli;*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jikkoordina n-networks Ewropej ta' korpi li jaħdmu fl-oqsma fi ħdan il-missjoni taċ-Ċentru, fosthom networks li jistgħu jinħolqu mill-attivitajiet tas-saħħa pubblika appoġġati mill-Kummissjoni, u jħaddem in-networks iddedikati; | (c) jikkoordina n-networks Ewropej ta' korpi***, organizzazzjonijiet u esperti*** li jaħdmu fl-oqsma fi ħdan il-missjoni taċ-Ċentru, fosthom networks li jistgħu jinħolqu mill-attivitajiet tas-saħħa pubblika appoġġati mill-Kummissjoni, u jħaddem in-networks iddedikati***, filwaqt li jiżgura konformità sħiħa mar-regoli dwar it-trasparenza u l-kunflitti ta' interess***; |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jiskambja l-informazzjoni, it-tagħrif espert u l-aħjar prattika; | (d) jiskambja l-informazzjoni, it-tagħrif espert u l-aħjar prattika***, kif ukoll jipprovdi assistenza xjentifika u teknika, inkluż it-taħriġ***; |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jimmonitorja l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa rilevanti għall-ġestjoni ta' theddid ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa***;*** | (e) jimmonitorja l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa rilevanti għall-ġestjoni ta' theddid ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa, ***abbażi tal-indikaturi komuni li għalihom hemm referenza fil-punt (aa) ta' dan il-paragrafu u l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament SCBTH]; jenħtieġ li ċ-Ċentru jorganizza żjarat regolari fl-Istati Membri biex jivvaluta fuq il-post il-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa tagħhom li għalihom hemm referenza fl-ewwel parti ta' dan il-punt u jaqsam informazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti dwar il-ġestjoni ta' kriżijiet ta' saħħa;*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) jorganizza spezzjonijiet fis-sors fl-Istati Membri, fuq bażi ta' każ b'każ, biex jipprovdi appoġġ addizzjonali u jimmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni u l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5b ta' dan ir-Regolament, jekk ikun hemm bżonn fid-dawl tar-riżultati tat-testijiet tal-istress imsemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament*** |

| | |
|---|---|
| | ***SCBTH]; ir-riżultati tal-ispezzjoni fi Stat Membru għandhom jiġu ppreżentati f'rapport lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni;*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) jappoġġa l-monitoraġġ nazzjonali tar-rispons għal mard komunikabbli maġġuri biex jitkejjel il-progress fl-indirizzar ta' tali mard madwar l-Unjoni;*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet, iffinanzjati minn programmi u strumenti ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konġunti; | (f) jiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet, iffinanzjati minn programmi u strumenti ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konġunti ***fil-qasam tas-saħħa***; |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) fuq talba tal-Kummissjoni jew ***tal-HSC***, jew fuq l-inizjattiva tiegħu, jipprovdi linji gwida għat-trattament u l-ġestjoni tal-każijiet ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa rilevanti għas-saħħa pubblika, b'kooperazzjoni ***mas-soċjetajiet rilevanti;*** | (g) fuq talba tal-Kummissjoni jew ***tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa ("HSC") imwaqqaf taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament SCBTH],*** jew fuq l-inizjattiva tiegħu, jipprovdi linji gwida***, rakkomandazzjonijiet u proposti għal azzjoni koordinata għas-sorveljanza, għall-ġestjoni, għad-dijanjożi,*** għat-trattament u l-ġestjoni tal-każijiet ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa rilevanti għas-saħħa pubblika***, bħall-mard mhux komunikabbli maġġuri, inkluż*** b'kooperazzjoni ***ma' organizzazzjonijiet rilevanti b'esperjenza u għarfien espert fit-trattament u l-ġestjoni tal-każijiet ta' dak il-mard u kwistjonijiet tas-saħħa, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni ta' linji gwida eżistenti, ħlief f'każijiet fejn ikun meħtieġ li tali linji gwida jiġu aġġornati jekk issir disponibbli data xjentifika ġdida***; |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jappoġġa r-risponsi għall-epidemiji u għat-tifqigħat fl-Istati Membri, u f'pajjiżi terzi, b'komplementarjetà ma' strumenti oħra ta' rispons għall-emerġenzi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili; | (h) jappoġġa r-risponsi għall-epidemiji u għat-tifqigħat fl-Istati Membri, u f'pajjiżi terzi, b'komplementarjetà ***u koordinazzjoni mill-qrib*** ma' strumenti oħra ta' rispons għall-emerġenzi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili***, billi jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-kumulazzjoni ta' kontromiżuri mediċi f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-Mediċini (EMA) u aġenżiji u korpi tal-Unjoni rilevanti oħra***; |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ha (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) jiġbor informazzjoni, fi ħdan l-infrastruttura eżistenti tiegħu, dwar mard mhux komunikabbli maġġuri, b'mod partikolari dak il-mard li l-iżvilupp u t-trattament tiegħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti mill-pandemiji, bħall-kanċer, id-dijabete jew il-mard mentali;*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt j

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) fuq talba tal-Kummissjoni ***jew tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa ("HSC")***, jipprovdi l-messaġġi ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-evidenza lill-pubbliku dwar il-mard komunikabbli, dwar it-theddid għas-saħħa li joħolqu u dwar il-miżuri rilevanti ta' prevenzjoni u kontroll**.** | (j) fuq talba tal-Kummissjoni***, tal-HSC, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess***, jipprovdi l-messaġġi ta' komunikazzjoni ***fil-ħin, aċċessibbli faċilment u*** bbażati fuq l-evidenza lill-pubbliku ***fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni*** dwar il-mard komunikabbli, dwar it-theddid għas-saħħa li joħolqu***, dwar l-impatt possibbli fuq pazjenti li jsofru minn mard mhux komunikabbli maġġuri,*** u dwar il-miżuri rilevanti ta' prevenzjoni u kontroll***;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) jistabbilixxi u jaġġorna kontinwament bażi ta' data disponibbli pubblikament ma' korpi nazzjonali kompetenti rikonoxxuti u l-esperti tas-saħħa pubbliċi tagħhom li jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni taċ-Ċentru, b'data rilevanti pprovduta mill-Istati Membri;*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iċ-Ċentru, il-Kummissjoni u l-korpi rilevanti tal-Unjoni jew l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jippromwovu koerenza effettiva bejn l-attivitajiet rispettivi tagħhom.*";* | 3. Iċ-Ċentru, il-Kummissjoni u l-korpi rilevanti tal-Unjoni jew l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ***bi trasparenza sħiħa*** biex jippromwovu koerenza effettiva bejn l-attivitajiet rispettivi tagħhom. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom: | L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni maċ-Ċentru fir-rigward tal-missjonijiet u l-kompiti kollha stipulati fl-Artikolu 3, billi:*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jikkomunikaw liċ-Ċentru ***fil-pront*** u skont id-definizzjonijiet ***miftiehma*** tal-każ, l-indikaturi, l-istandards, id-data dwar il-protokolli u l-proċeduri tas-sorveljanza ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa mwettqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]], u d-data u l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli rilevanti għall-missjoni taċ-Ċentru, inkluż dawk dwar it-tħejjija, u l-kapaċitajiet tas-sistemi tas-saħħa biex jindividwaw, jipprevjenu, jirrispondu u jirkupraw minn tifqigħat ta' mard komunikabbli; | (a) jikkomunikaw ***b'mod regolari*** liċ-Ċentru fil-pront u skont ***l-iskedi taż-żmien miftiehma,*** id-definizzjonijiet tal-każ, l-indikaturi, l-istandards, id-data dwar il-protokolli u l-proċeduri tas-sorveljanza ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa mwettqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]], u d-data u l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli rilevanti għall-missjoni taċ-Ċentru, inkluż dawk dwar it-tħejjija, u l-kapaċitajiet tas-sistemi tas-saħħa biex jindividwaw, jipprevjenu, jirrispondu u jirkupraw minn tifqigħat ta' mard komunikabbli; |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jużaw l-indikaturi msemmija fl-Artikolu 3(2) biex jivvalutaw is-sitwazzjoni tas-saħħa domestika tagħhom u jikkomunikawhom liċ-Ċentru biex jingħata lok għall-komparabbiltà tad-data;*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jinnotifikaw liċ-Ċentru dwar kull theddid transkonfinali serju għas-saħħa malli jiġi individwat, permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS), u jikkomunikaw minnufih il-miżuri ta' rispons li jkunu ħadu, kif ukoll kull informazzjoni rilevanti li tista' tkun utli għall-koordinazzjoni tar-rispons kif imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]; ***u*** | (b) jinnotifikaw liċ-Ċentru dwar kull theddid transkonfinali serju għas-saħħa malli jiġi individwat, permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS), u jikkomunikaw minnufih il-miżuri ta' rispons li jkunu ħadu, kif ukoll kull informazzjoni rilevanti li tista' tkun utli għall-koordinazzjoni tar-rispons kif imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]; |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jidentifikaw, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni taċ-Ċentru, il-korpi kompetenti ***u*** l-esperti tas-saħħa pubblika rikonoxxuti li jistgħu jgħinu fir-risponsi tal-Unjoni għat-theddid għas-saħħa, pereżempju billi jwettqu missjonijiet fi Stati Membri biex jagħtu l-pariri esperti u jwettqu l-investigazzjonijiet fuq il-post jekk ikun hemm clusters ta' każijiet jew tifqigħat ta' mard. | (c) jidentifikaw, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni taċ-Ċentru, il-korpi kompetenti***,*** l-esperti tas-saħħa pubblika ***u l-organizzazzjonijiet*** rikonoxxuti li jistgħu jgħinu fir-risponsi tal-Unjoni għat-theddid għas-saħħa, pereżempju billi jwettqu missjonijiet fi Stati Membri***, f'reġjuni transfruntiera jew f'pajjiżi terzi*** biex jagħtu l-pariri esperti u jwettqu l-investigazzjonijiet fuq il-post jekk ikun hemm clusters ta' każijiet jew tifqigħat ta' mard. |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jiżviluppa pjanijiet nazzjonali ta' tħejjija u rispons f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament SCBTH], jaġġornahom fil-ħin filwaqt li jqis ir-rakkomandazzjonijiet taċ-Ċentru, u jirraporta dwar l-ippjanar ta' tħejjija u rispons tagħhom u l-implimentazzjoni fuq livell nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament;*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) jiffaċilita d-diġitizzazzjoni tal-ġbir tad-data u tal-proċess tal-komunikazzjoni tad-data bejn is-sistemi ta' sorveljanza nazzjonali u tal-Unjoni filwaqt li jiżgura l-mezzi finanzjarji biex jipprovdi kunsinna fil-ħin tal-informazzjoni neċessarja; u*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cc) jinnotifika minnufih kwalunkwe dewmien fir-rappurtar tad-data liċ-Ċentru bi spjegazzjoni u pjan dwar meta tkun se tiġi sottomessa d-data.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa l-attivitajiet ta' networking tal-korpi kompetenti rikonoxxuti mill-Istati Membri billi jipprovdi l-koordinazzjoni u l-għarfien espert tekniku u xjentifiku lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u permezz tat-tħaddim tan-networks iddedikati. | 1. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa ***u jiżviluppa b'mod kontinwu*** l-attivitajiet ta' networking tal-korpi kompetenti rikonoxxuti mill-Istati Membri billi jipprovdi l-koordinazzjoni u l-għarfien espert tekniku u xjentifiku lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u permezz tat-tħaddim tan-networks iddedikati. |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iċ-Ċentru għandu jiżgura t-tħaddim integrat tan-network għas-sorveljanza epidemjoloġika tal-mard komunikabbli u tal-kwistjonijiet speċjali tas-saħħa ***relatati msemmija fil-punti (i) u*** (ii) tal-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE).../... [ĠU: ***Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]].*** Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]***;*** | Iċ-Ċentru għandu jiżgura t-tħaddim integrat tan-network għas-sorveljanza epidemjoloġika tal-mard komunikabbli u tal-kwistjonijiet speċjali tas-saħħa***, bħal żieda mhux mistennija fil-mard mhux komunikabbli maġġuri jew fil-kundizzjonijiet kroniċi u fil-perikli ambjentali marbuta mas-saħħa inklużi dawk imsemmija fil-punt*** (ii) tal-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]***;*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiżgura ***li jkompli jiżviluppa l-pjattaformi*** u l-applikazzjonijiet diġitali li jappoġġaw is-sorveljanza epidemjoloġika fil-livell tal-Unjoni, li jappoġġa lill-Istati Membri b'pariri tekniċi u xjentifiċi biex jistabbilixxu sistemi ta' sorveljanza integrati li jippermettu s-sorveljanza f'ħin reali fejn hemm bżonn, filwaqt li jibbenefikaw mill-infrastrutturi u s-servizzi spazjali eżistenti tal-UE; | (a) jiżgura ***l-iżvilupp kontinwu tal-pjattaformi*** u l-applikazzjonijiet diġitali***, inkluża l-pjattaforma għas-sorveljanza stabbilita skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament SCBTH],*** li jappoġġaw is-sorveljanza epidemjoloġika fil-livell tal-Unjoni, li jappoġġa lill-Istati Membri b'pariri tekniċi u xjentifiċi biex jistabbilixxu sistemi ta' sorveljanza integrati li jippermettu s-sorveljanza f'ħin reali fejn hemm bżonn, ***u jipprovdi n-neċessità u l-proporzjonalità tal-ġbir u l-użu tad-data wara valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data ("DPIA"),*** filwaqt li jibbenefikaw mill-infrastrutturi u s-servizzi spazjali ***diġitali*** eżistenti tal-UE***, bil-għan li l-proċess tal-iskambju tad-data jiġi ssimplifikat u jitnaqqas il-piż amministrattiv fil-livelli tal-Unjoni u dak tal-Istati Membri; dawk il-pjattaformi u applikazzjonijiet diġitali għandhom jiġu implimentati bil-protezzjoni tad-data permezz tad-disinn u b'mod prestabbilit skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, filwaqt li jitqiesu t-teknoloġiji attwali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku;*** |
| | ______________ |
| | **** Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jipprovdi assigurazzjoni tal-kwalità permezz tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza epidemjoloġika (inkluż l-istabbiliment ta' standards ta' sorveljanza u l-kompletezza tad-data tal-monitoraġġ) tan-networks ta' sorveljanza ddedikati biex jiġi żgurat l-aħjar tħaddim; | (b) jipprovdi assigurazzjoni tal-kwalità permezz tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza epidemjoloġika (inkluż l-istabbiliment ta' standards ta' sorveljanza u l-kompletezza tad-data tal-monitoraġġ ***u l-indikaturi tal-valutazzjoni***) tan-networks ta' sorveljanza ddedikati biex jiġi żgurat l-aħjar tħaddim; |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) iżomm bażi(jiet) tad-data għal din is-sorveljanza epidemjoloġika, jikkoordina mal-ospitanti ta' bażijiet tad-data rilevanti oħra, u jibda jintroduċi approċċi armonizzati għall-ġbir u l-immudellar tad-data; | (c) iżomm bażi(jiet) tad-data għal din is-sorveljanza epidemjoloġika, jikkoordina mal-ospitanti ta' bażijiet tad-data rilevanti oħra, u jibda jintroduċi approċċi armonizzati għall-ġbir u l-immudellar tad-data ***għall-produzzjoni ta' data mifruxa madwar l-Unjoni li tista' titqabbel bħala bażi għat-teħid tad-deċiżjonijiet***; ***fit-twettiq ta' dan ir-rwol, iċ-Ċentru għandu jimminimizza r-riskji li jistgħu jirriżultaw mit-trasferiment ta' data mhux preċiża, mhux kompluta jew ambigwa minn bażi tad-data għal oħra, kif ukoll l-istabbiliment ta' proċeduri għar-rieżami tal-kwalità tad-data;*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jiġbor u janalizza l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar l-impatt tal-pandemiji fuq il-kawżi u t-trattament ta' mard maġġuri mhux komunikabbli rilevanti;*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jikkomunika r-riżultati tal-aniliżi tad-data lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri; | (d) jikkomunika r-riżultati tal-analiżi tad-data lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***u jipproponi komunikazzjonijiet biex jinforma lill-pubbliku***; |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) jiżgura li l-pjattaformi diġitali għas-sorveljanza jaħdmu tajjeb mal-infrastrutturi diġitali li mbagħad jippermetti li d-data dwar is-saħħa tintuża għall-kura tas-saħħa, għar-riċerka, għat-tfassil tal-politiki u għal skopijiet regolatorji u bil-ħsieb li dawk il-pjattaformi u l-infrastrutturi jiġu integrati fl-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa, kif irregolat mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u jsir użu minn data rilevanti oħra, pereżempju fatturi ambjentali. | (g) jiżgura li l-pjattaformi diġitali għas-sorveljanza jaħdmu tajjeb mal-infrastrutturi diġitali li mbagħad jippermetti li d-data dwar is-saħħa tintuża għall-kura tas-saħħa, għar-riċerka, għat-tfassil tal-politiki u għal skopijiet regolatorji, ***f'konformità mal-punti (h) u (i) tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, wara li jkun twettaq DPIA u jkun ġie mmitigat kwalunkwe riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data,*** u bil-ħsieb |

li dawk il-pjattaformi u l-infrastrutturi jiġu integrati fl-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa, kif irregolat mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u jsir użu minn data rilevanti oħra, pereżempju fatturi ambjentali ***jew fenomeni b'impatt serju potenzjali fuq is-saħħa fil-livell tal-Unjoni jew interreġjonali***.

______________

**** Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).***

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa l-ħidma tal-HSC, tal-Kunsill u ta' strutturi oħra tal-Unjoni fil-koordinazzjoni tar-risponsi għat-theddid transkonfinali serju għas-saħħa fi ħdan il-mandat tiegħu. | 3. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa l-ħidma tal-HSC, tal-Kunsill u***, fejn ikun rilevanti,*** ta' strutturi oħra tal-Unjoni fil-koordinazzjoni tar-risponsi għat-theddid transkonfinali serju għas-saħħa fi ħdan il-mandat tiegħu. |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jimmonitorja u jirrapporta dwar ix- | (a) jimmonitorja u jirrapporta dwar ix- |

| | |
|---|---|
| xejriet fil-mard komunikabbli maż-żmien u madwar l-Istati Membri u f'pajjiżi terzi, abbażi ta' indikaturi miftiehma, biex jivvaluta s-sitwazzjoni attwali u jiffaċilita azzjoni xierqa bbażata fuq l-evidenza, anki permezz tal-identifikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għall-ġbir armonizzat tad-data ***mill-istati membri*** | xejriet fil-mard komunikabbli ***u l-interkonnessjoni tagħhom ma' mard mhux komunikabbli maġġuri u kundizzjonijiet kroniċi u implikazzjonijiet għall-pazjenti b'tali mard u kundizzjonijiet*** maż-żmien u madwar l-Istati Membri u f'pajjiżi terzi, abbażi ta' indikaturi miftiehma, biex jivvaluta s-sitwazzjoni attwali u jiffaċilita azzjoni xierqa bbażata fuq l-evidenza, anki permezz tal-identifikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għall-ġbir armonizzat tad-data ***mill-Istati Membri;*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jimmonitorja u jivvaluta l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa għad-dijanjostikar, għall-prevenzjoni u għat-trattament ta' mard komunikabbli speċifiku kif ukoll għas-sikurezza tal-pazjenti; | (d) jimmonitorja u jivvaluta l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa għad-dijanjostikar, għall-prevenzjoni u għat-trattament ta' mard komunikabbli speċifiku kif ukoll għas-sikurezza tal-pazjenti ***u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali f'każ ta' tifqigħat kbar ta' mard, abbażi ta' indikaturi u definizzjonijiet komuni***; |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-piż tal-mard komunikabbli fuq il-popolazzjoni bl-użu ta' data, bħall-prevalenza tal-mard, il-kumplikazzjonijiet, | (f) jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-piż tal-mard komunikabbli fuq il-popolazzjoni bl-użu ta' data, bħall-prevalenza tal-mard, il-kumplikazzjonijiet, |

| | |
|---|---|
| l-ammissjoni fl-isptar u l-mortalità, u jiżgura li din id-data tiġi diżaggregata skont l-età, is-sess u d-diżabbiltà; | l-ammissjoni fl-isptar u l-mortalità, u jiżgura li din id-data tiġi diżaggregata skont l-età, is-sess u d-diżabbiltà***, u l-komorbiditajiet tal-pazjenti***; |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jidentifika l-fatturi ta' riskju għat-trażmissjoni tal-mard, għall-gruppi l-aktar fir-riskju, inkluża l-korrelazzjoni tal-inċidenza u s-severità tal-mard ma' fatturi soċjetali ***u*** ambjentali, u l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tar-riċerka. | (h) jidentifika l-fatturi ta' riskju għat-trażmissjoni tal-mard, għall-gruppi l-aktar fir-riskju, inkluża l-korrelazzjoni tal-inċidenza u s-severità tal-mard ma' fatturi soċjetali***,*** ambjentali ***u klimatiċi***, u l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tar-riċerka. |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jaħtar korp kompetenti ta' koordinazzjoni u jinnomina punt ċentrali nazzjonali u punti ta' kuntatt operazzjonali skont ir-rilevanza għall-funzjonijiet tas-saħħa pubblika, inkluża s-sorveljanza epidemjoloġika, u għal diversi gruppi ta' mard u għal mardiet individwali. | Kull Stat Membru għandu jaħtar korp kompetenti ta' koordinazzjoni u jinnomina punt ċentrali nazzjonali u punti ta' kuntatt operazzjonali skont ir-rilevanza għall-funzjonijiet tas-saħħa pubblika, inkluża s-sorveljanza epidemjoloġika, u għal diversi gruppi ta' mard u għal mardiet individwali. ***Sa fejn ikun possibbli, il-punti ċentrali nazzjonali għandhom ikunu l-istess bħall-Punti Ċentrali Nazzjonali tal-IHR, biex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-riżorsi u tal-isforzi.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-punti ċentrali nazzjonali u l-punti ta' kuntatt operazzjonali nnominati għall-interazzjonijiet speċifiċi għall-mard maċ-Ċentru għandhom jiffurmaw networks speċifiċi għal mardiet speċifiċi, jew networks speċifiċi għall-gruppi ta' mard, li l-kompiti tagħhom għandhom jinkludu t-trażmissjoni tad-data tas-sorveljanza nazzjonali liċ-Ċentru. | Il-punti ċentrali nazzjonali u l-punti ta' kuntatt operazzjonali nnominati għall-interazzjonijiet speċifiċi għall-mard maċ-Ċentru għandhom jiffurmaw networks speċifiċi għal mardiet speċifiċi, jew networks speċifiċi għall-gruppi ta' mard, li l-kompiti tagħhom għandhom jinkludu t-trażmissjoni tad-data tas-sorveljanza nazzjonali ***kif ukoll proposti għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard komunikabbli*** liċ-Ċentru. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Iċ-Ċentru għandu jiżgura t-tħaddim tan-network tal-laboratorji ta' referenza tal-UE msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]], għad-dijanjostikar, għall-individwar, għall-identifikazzjoni u għall-karatterizzazzjoni ta' aġenti infettivi li jistgħu jkunu ta' theddida għas-saħħa pubblika. | 6. Iċ-Ċentru għandu jiżgura ***u jikkoordina*** t-tħaddim tan-network tal-laboratorji ta' referenza tal-UE msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]], għad-dijanjostikar, għall-individwar, għall-identifikazzjoni***, għas-sekwenzjar ġenetiku*** u għall-karatterizzazzjoni ta' aġenti infettivi li jistgħu jkunu ta' theddida għas-saħħa pubblika. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Iċ-Ċentru għandu jipprovdi assistenza teknika u xjentifika lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom ta' detezzjoni u ta' sekwenzjar, filwaqt li jassisti b'mod speċjali lil dawk l-Istati Membri li m'għandhomx kapaċitajiet suffiċjenti.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iċ-Ċentru għandu jiżgura t-tħaddim tan-network tas-servizzi tal-Istati Membri li jappoġġaw ***it-trasfużjoni***, it-trapjant u r-riproduzzjoni assistita b'mod mediku biex jippermettu l-aċċess kontinwu u rapidu għad-data seroepidemjoloġika permezz ta' stħarriġ seroepidemjoloġiku fil-popolazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-esponiment u l-immunità tal-popolazzjoni tad-donaturi. | Iċ-Ċentru għandu jiżgura t-tħaddim ***u l-koordinazzjoni*** tan-network tas-servizzi tal-Istati Membri li jappoġġaw ***is-sikurezza mikrobijoloġika tas-sustanzi ta' oriġini umani li jinkludu t-trasfużjoni***, it-trapjant u r-riproduzzjoni assistita b'mod mediku ***stabbiliti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament SCBTH]*** biex jippermettu l-aċċess kontinwu u rapidu għad-data seroepidemjoloġika permezz ta' stħarriġ seroepidemjoloġiku fil-popolazzjoni, inkluża l-valutazzjoni tal-esponiment u l-immunità tal-popolazzjoni tad-donaturi. |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| In-network imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jappoġġa liċ-Ċentru billi jimmonitorja t-tifqigħat ta' mardiet li huma rilevanti ***għas-sustanzi*** ta' oriġini mill-bniedem ***u l-forniment tagħhom*** lill-pazjenti, kif ukoll bl-iżvilupp ta' linji gwida għas-sikurezza u l-kwalità tad-demm, tat-tessuti u taċ-ċelloli. | In-network imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jappoġġa liċ-Ċentru billi jimmonitorja t-tifqigħat ta' mardiet ***komunikabbli*** li huma rilevanti ***għas-sikurezza u s-suffiċjenza tal-forniment tas-sustanzi*** ta' oriġini mill-bniedem lill-pazjenti, kif ukoll bl-iżvilupp ta' linji gwida għas-sikurezza u l-kwalità tad-demm, tat-tessuti u taċ-ċelloli. |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa lill-Istati Membri biex isaħħu ***s-sistemi*** tagħhom ta' prevenzjoni u kontroll tal-mard komunikabbli. | 1. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa lill-Istati Membri biex isaħħu ***l-kapaċitajiet*** tagħhom ta' prevenzjoni u kontroll tal-mard komunikabbli***, u biex itejbu u jiffaċilitaw il-proċess tal-ġbir tad-data b'kondiviżjoni tad-data f'ħin reali u b'interoperabbiltà***. |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iċ-Ċentru għandu jiżviluppa qafas għall-prevenzjoni tal-mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali, ***inkluż*** il-mard prevenibbli b'vaċċin, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-edukazzjoni dwar is-saħħa, il-litteriżmu fis-saħħa u t-tibdil tal-imġiba. | 2. ***F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) u korpi u aġenziji oħra rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali,*** iċ-Ċentru għandu jiżviluppa qafas għall-prevenzjoni tal-mard komunikabbli u |

| | |
|---|---|
| | kwistjonijiet speċjali, ***inklużi fatturi ta' riskju soċjoekonomiċi,*** il-mard prevenibbli b'vaċċin, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, ***il-promozzjoni tas-saħħa,*** l-edukazzjoni dwar is-saħħa, il-litteriżmu fis-saħħa u t-tibdil tal-imġiba. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5a – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dak il-qafas għandu jiffaċilita l-konsultazzjoni permanenti tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-industrija, b'mod partikolari l-korpi xjentifiċi, fir-rigward tal-attivitajiet taċ-Ċentru mmirati lejn il-prevenzjoni tal-mard komunikabbli, il-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni dwar it-tilqim u li tikkawża l-eżitazzjoni għat-tilqim, il-miżuri preventivi u t-trattament mediku, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni dwar ir-rabtiet bejn oqsma ta' mard u dwar ir-riskji għall-pazjenti b'mard mhux komunikabbli maġġuri.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iċ-Ċentru għandu jevalwa u jimmonitorja programmi ta' prevenzjoni u kontroll tal-mard komunikabbli sabiex jipprovdi l-evidenza għar-rakkomandazzjonijiet biex jissaħħu u jittejbu dawn il-programmi fil-livell | 3. Iċ-Ċentru ***jista, fuq talba, jipprovdi linji gwida għall-ħolqien ta' programmi għall-prevenzjoni u kontroll tal-mard komunikabbli, u*** għandu jevalwa u jimmonitorja programmi ta' prevenzjoni u kontroll tal-mard komunikabbli sabiex |

| | |
|---|---|
| nazzjonali u tal-Unjoni, u fejn xieraq fil-livell internazzjonali. | jipprovdi l-evidenza għar-rakkomandazzjonijiet biex ***jiġu koordinati,*** jissaħħu u jittejbu dawn il-programmi fil-livell nazzjonali***, interreġjonali*** u tal-Unjoni, u fejn xieraq fil-livell internazzjonali. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5a – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jiżviluppa pjattaforma għall-monitoraġġ tal-livell tal-kopertura tat-tilqim mill-Istati Membri, filwaqt li jqis l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi tat-tilqim fil-livelli nazzjonali u reġjonali.*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5b – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iċ-Ċentru għandu jipprovdi għarfien espert xjentifiku u tekniku lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni ***u*** organizzazzjonijiet internazzjonali skont arranġamenti ta' ħidma xierqa stabbiliti flimkien mal-Kummissjoni fil-qasam tal-ippjanar tat-tħejjija u tar-rispons. | Iċ-Ċentru għandu jipprovdi ***rakkomandazzjonijiet u*** għarfien espert xjentifiku u tekniku lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni***,*** organizzazzjonijiet internazzjonali ***u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili*** skont arranġamenti ta' ħidma xierqa stabbiliti flimkien mal-Kummissjoni fil-qasam tal-ippjanar tat-tħejjija u tar-rispons. |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5b – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***jiffaċilita l-awtovalutazzjonijiet u l-evalwazzjoni esterna tal-ippjanar*** ta' tħejjija u ta' rispons tal-Istati Membri, u jikkontribwixxi għar-rapportar u l-awditjar dwar l-ippjanar tat-tħejjija u tar-rispons skont l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (UE).../... [ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]; | (c) ***jivvaluta l-ippjanar*** ta' tħejjija u ta' rispons tal-Istati Membri, u jikkontribwixxi għar-rapportar u l-awditjar dwar l-ippjanar tat-tħejjija u tar-rispons skont l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (UE).../... [ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]; ***iċ-Ċentru għandu jibgħat il-valutazzjoni tiegħu bir-rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru u għandu jagħmilha disponibbli għall-pubbliku;*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5b – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jiżviluppa eżerċizzji, rieżamijiet fl-azzjoni u wara l-azzjoni u jorganizzaw azzjonijiet ta' bini ta' kapaċità biex jindirizzaw il-lakuni identifikati fil-kapaċità u fl-abbiltà tat-tħejjija; | (e) jiżviluppa eżerċizzji, ***testijiet tal-istress,*** rieżamijiet fl-azzjoni u wara l-azzjoni u jorganizza azzjonijiet ta' bini ta' kapaċità biex jindirizzaw il-lakuni identifikati fil-kapaċità u fl-abbiltà tat-tħejjija; |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5b – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jiżviluppa attivitajiet speċifiċi ta' tħejjija li jindirizzaw il-mard prevenibbli b'vaċċin, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, il-kapaċità u l-bijosigurtà tal-laboratorji b'konformità mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni u abbażi tal-lakuni identifikati; | (f) jiżviluppa attivitajiet speċifiċi ta' tħejjija li jindirizzaw***, fost l-oħrajn,*** il-mard prevenibbli b'vaċċin, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, il-kapaċità u l-bijosigurtà tal-laboratorji b'konformità mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni u abbażi tal-lakuni identifikati; |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5b – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jiżviluppa attivitajiet immirati li jindirizzaw il-gruppi f'riskju u t-tħejjija tal-komunità; | (h) jiżviluppa attivitajiet immirati li jindirizzaw il-gruppi f'riskju u t-tħejjija tal-komunità***, b'mod partikolari billi jqis ir-riskji assoċjati mal-kawżi u t-trattament ta' mard mhux komunikabbli maġġuri***; |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) jivvaluta l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa li jindividwaw, jipprevjenu, jirrispondu u jirkupraw minn tifqigħat ta' mard komunikabbli, jidentifika l-lakuni u jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, li jridu jiġu implimentati bl-appoġġ tal-Unjoni skont kif jixraq; | (i) jivvaluta l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa ***abbażi ta' indikaturi komuni*** li jindividwaw, jipprevjenu, jirrispondu u jirkupraw minn tifqigħat ta' mard komunikabbli ***u riskji tas-saħħa relatati***, jidentifika l-lakuni u jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċitajiet minimi tal-ittestjar,*** li jridu jiġu implimentati bl-appoġġ tal-Unjoni skont kif jixraq; ***iċ-*** |

***Ċentru għandu jibgħat il-valutazzjoni tiegħu bir-rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru u għandu jagħmilha disponibbli għall-pubbliku;***

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 6 – paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. Jekk titolbu l-Kummissjoni, iċ-Ċentru għandu jipprovdi analiżi u rakkomandazzjonijiet konkreti għal azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-kontroll ***ta' theddid*** ta' mard komunikabbli. | 1a. Jekk titolbu l-Kummissjoni, iċ-Ċentru għandu jipprovdi analiżi u rakkomandazzjonijiet konkreti għal azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard komunikabbli ***u theddid transfruntier ieħor għas-saħħa***. |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iċ-Ċentru jista' jippromwovi u jagħti bidu għal studji xjentifiċi meħtieġa għall-prestazzjoni tal-missjoni tiegħu, u proġetti u studji xjentifiċi applikati dwar il-fattibiltà, l-iżvilupp u l-preparazzjoni tal-attivitajiet tiegħu. Iċ-Ċentru għandu jevita d-duplikazzjoni mal-programmi ta' riċerka u saħħa tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri ***u*** tal-Unjoni, u se jagħmilha ta' koordinatur bejn is-setturi tas-saħħa pubblika u tar-riċerka ***skont il-ħtieġa***. | Iċ-Ċentru jista' jippromwovi u jagħti bidu għal studji xjentifiċi meħtieġa għall-prestazzjoni tal-missjoni tiegħu, u proġetti u studji xjentifiċi applikati dwar il-fattibiltà, l-iżvilupp u l-preparazzjoni tal-attivitajiet tiegħu. Iċ-Ċentru għandu jevita d-duplikazzjoni mal-programmi ta' riċerka u saħħa tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri***,*** tal-Unjoni ***u tad-WHO***, u se jagħmilha ta' koordinatur bejn is-setturi tas-saħħa pubblika u tar-riċerka ***billi jinkoraġġixxi konsultazzjoni mal-esperti tas-saħħa pubblika kif ukoll kooperazzjoni magħhom***. |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Biex iwettaq l-istudji msemmija fl-ewwel paragrafu, iċ-Ċentru għandu jkollu aċċess għad-data dwar is-saħħa li ssir disponibbli jew tiġi skambjata permezz ta' infrastrutturi u applikazzjonijiet diġitali, f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, li jippermettu li d-data dwar is-saħħa tintuża għall-kura tas-saħħa, għar-riċerka, għat-tfassil tal-politiki u għal għanijiet regolatorji. Għall-finijiet tal-istudji skont l-ewwel paragrafu, iċ-Ċentru għandu jagħmel użu wkoll minn data rilevanti oħra, pereżempju dwar fatturi ambjentali u soċjoekonomiċi. | Biex iwettaq l-istudji msemmija fl-ewwel paragrafu, iċ-Ċentru għandu jkollu aċċess għad-data dwar is-saħħa li ssir disponibbli jew tiġi skambjata permezz ta' infrastrutturi u applikazzjonijiet diġitali, f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, li jippermettu li d-data dwar is-saħħa tintuża ***biss*** għall-kura tas-saħħa, għar-riċerka ***tas-saħħa***, għat-tfassil tal-politiki u għal għanijiet regolatorji ***fil-qasam tas-saħħa***. Għall-finijiet tal-istudji skont l-ewwel paragrafu, iċ-Ċentru għandu jagħmel użu wkoll minn data rilevanti oħra, pereżempju dwar fatturi ambjentali u soċjoekonomiċi***, wara li jkun ta prova tan-neċessità u tal-proporzjonalità tal-użu ta' dik id-data***. |

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Iċ-Ċentru jista' juża r-riżorsi tiegħu u jagħmel użu mil-laboratorji ta' referenza, sabiex iwettaq riċerka fuq il-post, ġbir tad-data u analiżi tad-data, biex jgħin lill-korpi rilevanti jiġbru data affidabbli.*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt c**

Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 6 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Iċ-Ċentru għandu jikkonsulta mal-Kummissjoni u ma' korpi jew aġenziji oħrajn tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-pjanifikazzjoni u t-tfassil ta' prioritajiet ta' studju għar-riċerka u s-saħħa pubblika. | 4. Iċ-Ċentru għandu jikkonsulta mal-Kummissjoni***, mal-HSC*** u ma' korpi jew aġenziji ***rilevanti*** oħra tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-pjanifikazzjoni u t-tfassil ta' prioritajiet ta' studju għar-riċerka u s-saħħa pubblika. |

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fuq talba tal-Kummissjoni; ***u*** | (c) fuq talba tal-Kummissjoni ***jew tal-EMA***; |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) fuq talba tal-HSC; u*** |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 7 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Talbiet għal opinjoni xjentifika msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispjegaw b'mod ċar il-kwistjoni xjentifika li trid tiġi indirizzata u l-interess tal-Unjoni u għandhom ikunu akkumpanjati minn biżżejjed informazzjoni tal-kuntest ta' dik il-kwistjoni. | 2. Talbiet għal opinjoni xjentifika msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispjegaw b'mod ċar il-kwistjoni xjentifika li trid tiġi indirizzata u l-interess ***u n-neċessità*** tal-Unjoni ***li taġixxi,*** u għandhom ikunu akkumpanjati minn biżżejjed informazzjoni tal-kuntest ta' dik il-kwistjoni. |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 7 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta jsiru diversi talbiet dwar l-istess kwistjoni jew meta t-talba ma tikkonformax mal-paragrafu 2, iċ-Ċentru jista' jew jirrifjuta li joħroġ opinjoni xjentifika, jew jipproponi l-emendi għat-talba b'konsultazzjoni mal-istituzzjoni jew mal-Istat Membru li jkun għamel it-talba. Jekk it-talba tiġi rrifjutata, għandha tingħata ġustifikazzjoni għar-rifjut lill-istituzzjoni jew lill-Istat Membru li jkunu għamlu t-talba. | 4. Meta jsiru diversi talbiet dwar l-istess kwistjoni jew meta t-talba ma tikkonformax mal-paragrafu 2, iċ-Ċentru jista' jew jirrifjuta li joħroġ opinjoni xjentifika, jew jipproponi l-emendi għat-talba b'konsultazzjoni mal-istituzzjoni***, mal-aġenzija*** jew mal-Istat Membru li jkun għamel it-talba. Jekk it-talba tiġi rrifjutata, għandha tingħata ġustifikazzjoni għar-rifjut lill-istituzzjoni***, lill-aġenzija*** jew lill-Istat Membru li jkunu għamlu t-talba. |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 8**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 7 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta ċ-Ċentru jkun diġà ħareġ opinjoni xjentifika fuq il-kwistjoni speċifika li tkun saret talba dwarha u jikkonkludi li ma hemmx elementi | 5. Meta ċ-Ċentru jkun diġà ħareġ opinjoni xjentifika fuq il-kwistjoni speċifika li tkun saret talba dwarha u jikkonkludi li ma hemmx elementi |

| | |
|---|---|
| xjentifiċi li jiġġustifikaw eżaminazzjoni mill-ġdid tal-kwistjoni, għandha tingħata l-informazzjoni li tappoġġa dik il-konklużjoni lill-istituzzjoni jew l-Istat Membru li jkunu għamlu t-talba. | xjentifiċi li jiġġustifikaw eżaminazzjoni mill-ġdid tal-kwistjoni, għandha tingħata l-informazzjoni li tappoġġa dik il-konklużjoni lill-istituzzjoni***, lill-aġenzija*** jew l-Istat Membru li jkunu għamlu t-talba. |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa u jgħin lill-Kummissjoni billi jħaddem ***is-sistema ta' twissija bikrija u ta' rispons (***EWRS***)*** u billi flimkien mal-Istati Membri jaċċerta l-kapaċità li jirrispondu b'mod ikkoordinat. | 1. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa u jgħin lill-Kummissjoni billi jħaddem l-EWRS ***prevista fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament SCBTH]*** u billi flimkien mal-Istati Membri jaċċerta l-kapaċità li jirrispondu b'mod ikkoordinat ***u fil-ħin***. |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jipprovdi l-informazzjoni, l-għarfien espert, il-pariri u valutazzjoni tar-riskju lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni; u | (b) jipprovdi l-informazzjoni, l-għarfien espert, il-pariri***, it-taħriġ*** u valutazzjoni tar-riskju lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni; u |

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Iċ-Ċentru għandu jaħdem mal-Kummissjoni, l-HSC u l-Istati Membri biex itejjeb ir-rapportar tad-data rilevanti permezz tal-EWRS, bil-għan li jawtomatizza dak il-proċess u jintegrah fis-sistemi ta' sorveljanza nazzjonali.*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iċ-Ċentru għandu jaħdem mal-Kummissjoni u mal-HSC dwar l-aġġornamenti tal-EWRS, inkluż għall-użu ta' teknoloġiji moderni, bħal applikazzjonijiet mobbli diġitali, mudelli tal-intelliġenza artifiċjali, jew teknoloġiji oħra għat-traċċar awtomatizzat tal-kuntatti, filwaqt li jkompli jiżviluppa t-teknoloġiji tat-traċċar tal-kuntatti żviluppati mill-Istati Membri u d-definizzjoni tar-rekwiżiti funzjonali tal-EWRS. | 3. Iċ-Ċentru għandu jaħdem mal-Kummissjoni u mal-HSC dwar l-aġġornamenti ***kontinwi*** tal-EWRS, inkluż għall-użu ta' teknoloġiji moderni, bħal applikazzjonijiet mobbli diġitali, mudelli tal-intelliġenza artifiċjali ***u tal-immudellar u s-simulazzjoni bil-kompjuters***, jew teknoloġiji oħra għat-traċċar awtomatizzat tal-kuntatti, filwaqt li jkompli jiżviluppa t-teknoloġiji tat-traċċar tal-kuntatti żviluppati mill-Istati Membri. ***Dawk it-teknoloġiji għandhom jintużaw għall-iskop uniku li jiġġieldu l-pandemiji,meta jkun intwera li huma adegwati, neċessarji u proporzjonati, u f'konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****, u d-definizzjoni tar-rekwiżiti funzjonali tal-EWRS.<br>__________________<br>**** Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201,*** |

***31.7.2002, p. 37).***

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Billi hu l-proċessur,*** iċ-Ċentru għandu jkollu r-responsabbiltà li jiżgura s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data personali li jitwettqu fl-EWRS u fil-kuntest tal-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 33***, 34(2)*** u 36 tar-Regolament (UE) 2018/1725 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**** <br>__________ <br>***Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).*** | 5. Iċ-Ċentru għandu jkollu r-responsabbiltà li jiżgura s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data personali li jitwettqu fl-EWRS u fil-kuntest tal-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet għat-traċċar tal-kuntatti, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament (UE) 2018/1725**.** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iċ-Ċentru għandu jipprovdi valutazzjonijiet tar-riskju ***rapidi*** f'waqthom, f'konformità mal-Artikolu 20 | 1. Iċ-Ċentru għandu jipprovdi valutazzjonijiet tar-riskju f'waqthom, f'konformità mal-Artikolu 20 tar- |

| | |
|---|---|
| tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]], fil-każ tat-theddida msemmija ***fil-punti (i) u (ii) tal-punt*** (a) tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament, anki theddida għas-sustanzi ta' oriġini mill-bniedem, bħal demm, organi, tessuti u ċelloli potenzjalment milquta minn mard komunikabbli, jew ***dik imsemmija*** fil-punt (d) tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament | Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]], fil-każ tat-theddida msemmija ***fil-punt*** (a) tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament, anki theddida għas-sustanzi ta' oriġini mill-bniedem, bħal demm, organi, tessuti u ċelloli potenzjalment milquta minn mard komunikabbli, jew fil-punt (d) tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament***.*** |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8a – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu puntwalment u fl-iqsar żmien possibbli sabiex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa.*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Il-valutazzjoni*** tar-riskju ***għandha tinkludi*** rakkomandazzjonijiet ġenerali u mmirati għal rispons bħala bażi għall-koordinazzjoni fl-HSC. | 2. ***Il-valutazzjonijiet*** tar-riskju ***msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu, fejn ikun possibbli,*** rakkomandazzjonijiet ġenerali u mmirati għal rispons bħala bażi għall-koordinazzjoni fl-HSC***, inklużi iżda mhux limitati għal:*** |
| | ***(a) tbassir dwar l-evoluzzjoni ta' kriżi tas-saħħa u r-riskju ta' emerġenza tas-*** |

| | |
|---|---|
| | ***saħħa;*** |
| | ***(b) previżjoni tad-domanda għall-mediċini, il-vaċċini, it-tagħmir mediku, it-tagħmir protettiv u l-kapaċità tal-isptarijiet, inklużi fi ħdan il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili;*** |
| | ***(c) l-identifikazzjoni ta' gruppi vulnerabbli tas-soċjetà, bħal pazjenti li jbatu minn kundizzjonijiet kroniċi, pazjenti b'mard mhux komunikabbli maġġuri, l-anzjani, it-tfal, in-nisa tqal u l-professjonijiet b'riskju għoli ta' infezzjoni jew trażmissjoni, inklużi l-ħtiġijiet speċifiċi għall-mediċini u l-kapaċità tal-isptarijiet għal dawk il-gruppi l-aktar vulnerabbli;*** |
| | ***(d) l-identifikazzjoni ta' miżuri protettivi possibbli u l-valutazzjoni tal-effikaċja tagħhom;*** |
| | ***(e) valutazzjoni tal-bżonn possibbli ta' attivazzjoni tat-Task Force tal-UE għas-Saħħa.*** |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, iċ-Ċentru għandu jikkoordina l-preparazzjoni ta' valutazzjonijiet tar-riskju rapidi billi jinvolvi l-esperti tal-Istati Membri u tal-aġenziji rilevanti***, jekk ikun meħtieġ***. | 3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, iċ-Ċentru għandu jikkoordina l-preparazzjoni ta' valutazzjonijiet tar-riskju rapidi billi jinvolvi l-esperti tal-Istati Membri u tal-aġenziji ***u l-organizzazzjonijiet*** rilevanti. |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8a – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4a. Iċ-Ċentru għandu jaħdem flimkien mal-Istati Membri biex itejjeb il-kapaċità tagħhom tal-valutazzjoni tar-riskju.*** |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8b – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) risponsi nazzjonali għat-theddid transkonfinali serju għas-saħħa; | (a) risponsi nazzjonali ***jew interreġjonali*** għat-theddid transkonfinali serju għas-saħħa; |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8b – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (b) l-adozzjoni ta' gwida għall-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa**.** | (b) l-adozzjoni ta' ***linji*** gwida ***komuni*** għall-Istati Membri għall-prevenzjoni***, it-trattament*** u l-kontroll ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa***;*** |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8b – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ba) l-iskjerament tat-Task Force tal-UE għas-Saħħa.*** |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 8b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa rispons ikkoordinat tal-Unjoni ***fuq talba ta' Stat Membru, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, ta' korpi jew aġenziji tal-Unjoni***. | 2. Iċ-Ċentru għandu jappoġġa rispons ikkoordinat tal-Unjoni ***f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE).../... [ir-Regolament SCBTH]***. |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt a**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 9 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri, pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-pajjiżi sħab tal-UE, u organizzazzjonijiet internazzjonali (b'mod partikolari d-WHO) jistgħu jitolbu liċ-Ċentru jipprovdi l-assistenza teknika jew xjentifika fi kwalunkwe qasam fi ħdan il-missjoni tiegħu. Din l-assistenza tista' tinkludi assistenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw linji gwidi tekniċi fuq prattika tajba u fuq miżuri protettivi li jridu jittieħdu bħala rispons għat-theddid għas-saħħa tal-bniedem, fejn tingħata l-assistenza esperta u l-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' timijiet ta' investigazzjoni. Iċ-Ċentru għandu jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku u tekniku u l-assistenza li jista' fi ħdan il-kapaċità finanzjarja u l-mandat tiegħu, u f'konformità mal-arranġamenti ta' ħidma xierqa stabbiliti flimkien mal- | 2. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri, pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-pajjiżi sħab tal-UE, u organizzazzjonijiet internazzjonali (b'mod partikolari d-WHO) jistgħu jitolbu liċ-Ċentru jipprovdi l-assistenza teknika jew xjentifika fi kwalunkwe qasam fi ħdan il-missjoni tiegħu. Din l-assistenza tista' tinkludi assistenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw linji gwidi tekniċi fuq prattika tajba u fuq miżuri protettivi li jridu jittieħdu bħala rispons għat-theddid għas-saħħa tal-bniedem, fejn tingħata l-assistenza esperta u l-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' timijiet ta' investigazzjoni ***u l-valutazzjoni tal-effiċjenza tal-miżuri ta' rispons***. Iċ-Ċentru għandu jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku u tekniku u l-assistenza li jista' fi ħdan il-kapaċità finanzjarja u l-mandat tiegħu, u f'konformità mal-arranġamenti ta' ħidma xierqa stabbiliti flimkien mal- |

| | |
|---|---|
| Kummissjoni. | Kummissjoni. |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt c**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 9 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Iċ-Ċentru għandu, skont il-bżonn, jappoġġa u jikkoordina l-programmi ta' taħriġ, b'mod partikolari fis-sorveljanza epidemjoloġika, fl-investigazzjonijiet fuq il-post, fit-tħejjija u l-prevenzjoni, ***u*** fir-riċerka fil-qasam tas-saħħa pubblika. | 6. Iċ-Ċentru għandu, skont il-bżonn, jappoġġa u jikkoordina l-programmi ta' taħriġ, b'mod partikolari fis-sorveljanza epidemjoloġika, fl-investigazzjonijiet fuq il-post, fit-tħejjija u l-prevenzjoni, ***fir-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika,*** fir-riċerka fil-qasam tas-saħħa pubblika***, u fil-komunikazzjoni tar-riskju***. ***Dawk il-programmi għandhom iqisu l-ħtieġa li t-taħriġ jinżamm aġġornat u għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt a**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iċ-Ċentru għandu jikkoordina l-ġbir, il-validazzjoni, l-analiżi u t-tixrid tad-data, fil-livell tal-Unjoni. | 1. Iċ-Ċentru għandu jikkoordina l-ġbir, ***l-istandardizzazzjoni,*** il-validazzjoni, l-analiżi u t-tixrid tad-data, fil-livell tal-Unjoni. |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11 – paragrafu 1a – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-sorveljanza epidemjoloġika ta' mard komunikabbli u problemi tas-saħħa partikolari relatati msemmija ***fil-punti (i) u*** (ii) tal-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]; | (a) is-sorveljanza epidemjoloġika ta' mard komunikabbli***, theddid ieħor għas-saħħa, bħal mard mhux komunikabbli maġġuri,*** u problemi tas-saħħa partikolari relatati msemmija ***fil-punt*** (ii) tal-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE).../... [ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament SCBTH [ISC/2020/12524]]; |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11 – paragrafu 1a – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kif qegħdin jipprogressaw sitwazzjonijiet ta' epidemija, anki għall-immudellar, għall-antiċipazzjoni u għall-iżvilupp tax-xenarji; | (b) kif qegħdin jipprogressaw sitwazzjonijiet ta' epidemija, anki għall-immudellar, għall-antiċipazzjoni u għall-iżvilupp tax-xenarji***, il-valutazzjoni ta' gruppi vulnerabbli u t-tbassir ta' domanda speċifika għall-mediċini, it-tagħmir u l-kapaċità tal-isptarijiet***; |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet taċ-Ċentru dwar kontromiżuri mill-Istati Membri u r-riżultati tagħhom.*** |

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jikkoopera fil-qrib f'ħidma mal-korpi kompetenti tal-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-ġbir tad-data fl-Unjoni, fil-pajjiżi terzi, fid-WHO, ***u*** f'organizzazzjonijiet internazzjonali oħra; u | (c) jikkoopera fil-qrib f'ħidma mal-korpi kompetenti tal-organizzazzjonijiet ***u l-kontropartijiet rilevanti*** li jaħdmu fil-qasam tal-ġbir tad-data fl-Unjoni, fil-pajjiżi terzi, fid-WHO, f'organizzazzjonijiet internazzjonali oħra ***u fil-komunità xjentifika, filwaqt li jiżgura li jkun hemm stabbiliti salvagwardji sodi fir-rigward tat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont***; kif ukoll |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jiżviluppa soluzzjonijiet għall-aċċess tad-data rilevanti dwar is-saħħa li tkun disponibbli jew skambjata permezz ta' infrastrutturi diġitali, f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, li jippermettu li d-data dwar is-saħħa tintuża għall-kura tas-saħħa, għar-riċerka, għat-tfassil tal-politiki u għal finijiet regolatorji; u jipprovdi/jiffaċilita l-aċċess ikkontrollat għad-data dwar is-saħħa biex jappoġġa r-riċerka dwar is-saħħa pubblika. | (d) jiżviluppa soluzzjonijiet għall-aċċess tad-data rilevanti dwar is-saħħa***, inklużi data anonima u data psewdonima,*** li tkun disponibbli jew skambjata permezz ta' infrastrutturi diġitali, f'konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, li jippermettu li d-data dwar is-saħħa tintuża ***biss*** għall-kura tas-saħħa, għar-riċerka ***dwar is-saħħa***, għat-tfassil tal-politiki u għal finijiet regolatorji ***fil-qasam tas-saħħa***; u jipprovdi/jiffaċilita l-aċċess ikkontrollat għad-data dwar is-saħħa biex jappoġġa r-riċerka dwar is-saħħa pubblika. |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt d**

Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. F'sitwazzjonijiet ta' urġenza marbutin mas-severità jew man-novità ta' theddida transkonfinali serja għas-saħħa jew b'rabta mar-rapidità tat-tixrid tagħha fost l-Istati Membri, jekk jintalab ***mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini***, iċ-Ċentru għandu joffri t-tbassir epidemjoloġiku kif imsemmi fil-punt (g) tal-Artikolu 5(4), b'mod oġġettiv, affidabbli u faċilment aċċessibbli u abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli. | 4. F'sitwazzjonijiet ta' urġenza marbutin mas-severità jew man-novità ta' theddida transkonfinali serja għas-saħħa jew b'rabta mar-rapidità tat-tixrid tagħha fost l-Istati Membri, jekk jintalab ***minn Stat Membru, mill-Kummissjoni jew mill-EMA***, iċ-Ċentru għandu joffri t-tbassir epidemjoloġiku kif imsemmi fil-punt (g) tal-Artikolu 5(4), b'mod oġġettiv, affidabbli u faċilment aċċessibbli u abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli. |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iċ-Ċentru għandu jistabbilixxi l-kapaċità li jimmobilizza u jiskjera t-Task Force tas-Saħħa tal-UE inkluż il-persunal taċ-Ċentru u esperti mill-Istati Membri ***u*** programmi ta' boroż ta' studju, biex jassisti r-rispons lokali għal tifqigħat ta' mard komunikabbli fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi. | 1. Iċ-Ċentru għandu jistabbilixxi l-kapaċità ***permanenti, kif ukoll il-kapaċità msaħħa f'każ ta' emerġenza*** li jimmobilizza u jiskjera t-Task Force tas-Saħħa tal-UE inkluż il-persunal taċ-Ċentru u esperti mill-Istati Membri***,*** programmi ta' boroż ta' studju ***u organizzazzjonijiet internazzjonali u mingħajr profitt***, biex jassisti r-rispons lokali għal tifqigħat ta' mard komunikabbli fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi. |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11a – paragrafu 1a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. Iċ-Ċentru għandu jiżviluppa l-kapaċitajiet biex iwettaq riċerka fuq il-post u jiġbor data rilevanti, bħall-varjazzjoni ġenetika ta' mard komunikabbli, bl-użu tan-network ta' laboratorji ta' referenza ddedikati jew bir-riżorsi proprji tiegħu.*** |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11a – paragrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Iċ-Ċentru għandu jiżviluppa qafas u jistabbilixxi l-proċeduri flimkien mal-Kummissjoni biex jimmobilizza ***t-Task*** Force tas-Saħħa tal-UE. | 2. Iċ-Ċentru għandu jiżviluppa qafas u jistabbilixxi l-proċeduri flimkien mal-Kummissjoni biex ***jiskjera l-kapaċità permanenti u*** jimmobilizza ***l-kapaċità f'każ ta' emerġenza tat-Task*** Force tas-Saħħa tal-UE. |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Flimkien mal-Kummissjoni, iċ-Ċentru għandu jiżviluppa qafas għall-mobilizzazzjoni tat-Task Force tas-Saħħa tal-UE bil-ħsieb tal-azzjoni skont id-Deċiżjoni 1313/2013/UE*. | Flimkien mal-Kummissjoni, iċ-Ċentru għandu jiżviluppa qafas ***għall-iskjerament tal-kapaċità permanenti u*** għall-mobilizzazzjoni tat-Task Force tas-Saħħa tal-UE bil-ħsieb tal-azzjoni skont id-Deċiżjoni 1313/2013/UE*. |
| ___________ | ___________ |
| * Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal- | * Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal- |

| | |
|---|---|
| Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924). | Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924). |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 11a – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Iċ-Ċentru għandu jżomm ***il-kapaċità*** li jwettaq missjonijiet fl-Istati Membri, jekk jintalab jagħmel hekk mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, biex jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar ir-rispons għal theddid għas-saħħa fi ħdan il-mandat tiegħu. | 6. Iċ-Ċentru għandu jżomm kapaċità ***permanenti*** li jwettaq missjonijiet fl-Istati Membri, jekk jintalab jagħmel hekk mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, biex jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar ir-rispons għal theddid għas-saħħa fi ħdan il-mandat tiegħu. |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iċ-Ċentru għandu jassigura li l-pubbliku u kull parti interessata jingħataw rapidament, informazzjoni oġġettiva, affidabbli, bbażata fuq l-evidenza u aċċessibbli faċilment f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultati tal-ħidmiet tiegħu. Iċ-Ċentru għandu jippubblika l-informazzjoni, inkluż permezz ta' sit web apposta. Għandu jippubblika wkoll l-opinjonijiet tiegħu prodotti f'konformità mal-Artikolu 6. | Iċ-Ċentru għandu jassigura li l-pubbliku u kull parti interessata jingħataw rapidament, informazzjoni oġġettiva, affidabbli, bbażata fuq l-evidenza u aċċessibbli faċilment f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultati tal-ħidmiet tiegħu. Iċ-Ċentru għandu jippubblika l-informazzjoni, inkluż permezz ta' sit web apposta ***bl-informazzjoni essenzjali disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni***. Għandu jippubblika wkoll l-opinjonijiet tiegħu prodotti f'konformità mal-Artikolu 6 ***fil-ħin***. |

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 12 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt c**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 12 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iċ-Ċentru għandu jikkoopera kif xieraq mal-korpi kompetenti fl-Istati Membri u ma' partijiet oħra interessati f'dak li għandu x'jaqsam mal-kampanji tal-informazzjoni għall-pubbliku. | 3. Iċ-Ċentru għandu jikkoopera kif xieraq mal-korpi kompetenti fl-Istati Membri***, mad-WHO*** u ma' partijiet oħra interessati f'dak li għandu x'jaqsam mal-kampanji tal-informazzjoni għall-pubbliku. |

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-tul tal-kariga tal-"Membri" għandu jkun ta' tliet snin u jista' jittawwal. | It-tul tal-kariga tal-"Membri" għandu jkun ta' tliet snin u jista' jittawwal***, jekk ikun hemm bżonn***. |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jadotta abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/715* u l-linji gwida relatati tal-Kummissjoni għad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni**; | (e) ***sat-30 ta' Novembru ta' kull sena,*** jadotta abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/715* u l-linji gwida relatati tal-Kummissjoni għad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni; ***id-dokument uniku ta' programmazzjoni għandu jiġi adottat meta tingħata opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni u, fir-rigward tal-programmazzjoni pluriennali, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill;*** |
| __________ | __________ |
| * Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1). | * Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1). |

*Ġustifikazzjoni*

*Żieda f'konformità mal-formulazzjoni f'atti bażiċi oħra tal-aġenziji.*

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-lingwi taċ-Ċentru, inkluż dwar il-possibbiltà li jkun hemm distinzjoni bejn il-ħidmiet interni taċ-Ċentru u l-komunikazzjoni esterna, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jassigura l-aċċess għax-xogħol taċ-Ċentru ***mill-partijiet kollha interessati kemm għall-ħidmiet interni, kif ukoll*** | (i) jistabbilixxi ***b'unanimità*** r-regoli li jirregolaw il-lingwi taċ-Ċentru, inkluż dwar il-possibbiltà li jkun hemm distinzjoni bejn il-ħidmiet interni ***ordinarji*** taċ-Ċentru u l-komunikazzjoni esterna ***tiegħu***, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jassigura l-aċċess ***għall-partijiet interessati kollha*** għax-xogħol taċ-Ċentru ***f'kemm jista' jkun*** |

| | |
|---|---|
| ***għall-komunikazzjonijiet esterni.*** | ***lingwi uffiċjali tal-Unjoni, kif ukoll l-iskrutinju espert tas-sejbiet xjentifiċi u l-fehim pubbliku tax-xogħol u r-rakkomandazzjonijiet taċ-Ċentru; dawk ir-regoli jistgħu jinkludu l-użu ta' interpreti kwalifikati (li jaħdmu bil-lingwa tas-sinjali, jew permezz ta' interpretazzjoni orali jew tattili) jekk ikun meħtieġ.*** |

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 17 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(18) L-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(2), id-direttur għandu jinħatar mill-Bord tal-Amministrazzjoni minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara kompetizzjoni miftuħa, u wara l-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u f'pubblikazzjonijiet oħra ta' sejħa għall-espressjonijiet ta' interess, għall-perjodu ta' ħames snin, li jista' jittawwal darba sa ħames snin oħra.; "*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda tal-kliem "Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(2)" ma tagħmilx sens f'dan il-kuntest. Għalhekk, għandha terġa' tintuża l-formulazzjoni oriġinali tar-Regolament (KE) Nru 851/2004.*

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**

Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 17 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Qabel il-ħatra, il-kandidat innominat mill-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jkun mistieden mingħajr dewmien biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u li jwieġeb mistoqsijiet magħmula mill-membri ta' dik l-istituzzjoni.*** |

Ġustifikazzjoni

*Dan il-paragrafu jeżisti fir-Regolament (KE) Nru 851/2004 u għandu jinżamm hawnhekk.*

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 18 – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Id-direttur jista' jistieden l-esperti jew ir-rappreżentanti*** ta' korpi xjentifiċi ***jew*** professjonali, ***jew ta'*** organizzazzjonijiet mhux governattivi b'esperjenza rikonoxxuta f'dixxiplini relatati max-xogħol taċ-Ċentru, biex ***jikkooperaw fuq kompiti speċifiċi u*** jieħdu parti fl-attivitajiet ***relevanti*** tal-Forum Konsultattiv. Barra minn hekk, ***lid-direttur il-Kummissjoni tista' tissuġġerilu li jistieden ċerti*** esperti jew rappreżentanti ta' korpi professjonali jew xjentifiċi, jew ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi fuq bażi ad hoc."; | 8. ***Iċ-Ċentru għandu jinvolvi, b'mod strutturali, esperti tas-saħħa pubblika, rappreżentanti*** ta' korpi xjentifiċi ***u*** professjonali ***u*** organizzazzjonijiet mhux governattivi***, b'mod partikolari dawk*** b'esperjenza rikonoxxuta f'dixxiplini relatati max-xogħol taċ-Ċentru***, kif ukoll f'oqsma oħra, inklużi l-mard mhux komunikabbli u l-protezzjoni ambjentali,*** biex jieħdu parti fl-attivitajiet ***ewlenin kollha taċ-Ċentru, tan-networks dedikati u*** tal-Forum Konsultattiv ***u biex jikkooperaw f'kompiti speċifiċi***. Barra minn hekk, ***il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jissuġġerixxu liċ-Ċentru*** esperti jew rappreżentanti ta' korpi professjonali jew xjentifiċi, jew ta' ***organizzazzjonijiet*** mhux governattivi ***li għandhom jiġu kkonsultati*** fuq bażi ad hoc. |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 19 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. Il-membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni, id-direttur, il-membri tal-Forum Konsultattiv, kif ukoll esperti esterni li jipparteċipaw f'gruppi xjentifiċi għandhom jagħmlu dikjarazzjoni ta' rabta u dikjarazzjoni ta' interessi fejn jindikaw jew in-nuqqas ta' xi interessi li jistgħu jkunu kkunsidrati preġudizzjali għall-indipendenza tagħhom jew xi interessi diretti jew indiretti li jistgħu jkunu kkunsidrati preġudizzjali għall-indipendenza tagħhom. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru kull sena bil-miktub. | "2. Il-membri tal-Bord tal-Amministrazzjoni, id-direttur, il-membri tal-Forum Konsultattiv, kif ukoll esperti esterni li jipparteċipaw f'gruppi xjentifiċi għandhom jagħmlu dikjarazzjoni ta' rabta u dikjarazzjoni ta' interessi fejn jindikaw jew in-nuqqas ta' xi interessi li jistgħu jkunu kkunsidrati preġudizzjali għall-indipendenza tagħhom jew xi interessi diretti jew indiretti li jistgħu jkunu kkunsidrati preġudizzjali għall-indipendenza tagħhom. Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru kull sena bil-miktub ***u jkunu disponibbli għall-pubbliku***." |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32004R0851&qid=1613474789335)*

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 20 – paragrafu 4

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) fl-Artikolu 20, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 4. Id-data personali ma għandhiex tkun ipproċessata jew ikkomunikata ħlief f'każijiet billi hu strettament neċessarju għat-twettiq tal-missjoni taċ-Ċentru. | "4. Id-data personali ma għandhiex tkun ipproċessata jew ikkomunikata ħlief f'każijiet li huma strettament neċessarji għat-twettiq tal-missjoni taċ-Ċentru. |

| | |
|---|---|
| F'każijiet bħal dawn, għandu jgħodd ir-Regolament ***(KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet u oqsma tal-Komunità, u dwar il-moviment ħieles ta' din l-informazzjoni (8).*** | F'każijiet bħal dawn, għandu jgħodd ir-Regolament ***(UE) 2018/1725.";*** |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32004R0851&qid=1626616104898)*

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20b (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 20 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20b) Fl-Artikolu 20, jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"4a. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-ipproċessar tagħhom ta' data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, jew għall-obbligi taċ-Ċentru u l-Kummissjoni relatati mal-ipproċessar tagħhom ta' data personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom.*** |
| | ***Iċ-Ċentru għandu jistabbilixxi proċeduri u salvagwardji tal-protezzjoni tad-data mfassla biex jiggarantixxu li l-operazzjonijiet ta' pproċessar tiegħu jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data ta' legalità, ġustizzja u trasparenza, limitazzjoni tal-iskop, minimizzazzjoni tad-data, akkuratezza, limitazzjoni tal-ħżin, integrità, kunfidenzjalità, u protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku.*** |

***Iċ-Ċentru għandu jipproċessa biss data personali, b'mod partikolari fil-każ ta' data dwar is-saħħa relatata ma' individwi identifikati jew identifikabbli, meta jiġi ppruvat li dan huwa meħtieġ u proporzjonat. Kull meta jkun possibbli, f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, iċ-Ċentru għandu jagħmel użu minn data anonimizzata, miksuba permezz ta' tekniki użati bħall-każwalizzazzjoni jew il-ġeneralizzazzjoni.***

***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi l-kategoriji tas-suġġetti tad-data fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ipproċessar u l-kategoriji tad-data personali pproċessata, flimkien ma' deskrizzjoni tal-miżuri speċifiċi għas-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data involuti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fir-rigward ta' salvagwardji konkreti għall-prevenzjoni ta' abbuż jew aċċess jew trasferiment illegali, u l-perjodi ta' ħżin.";***

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20c (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 20a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20c) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 20a*** |
| | ***Eżerċizzju tad-delega*** |
| | ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** |
| | ***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti*** |

***delegati msemmija fl-Artikolu 20(4a) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux għal din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel jintemm kull perjodu.***

***3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 20(4a) tista' titneħħa fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.***

***4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*.***

***5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 20(4a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw.***

| | |
|---|---|
| | ***Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** |
| | ***__________________*** |
| | ****ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";*** |

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 21 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Iċ-Ċentru għandu jiżviluppa, juża u jħaddem sistema ta' informazzjoni li tkun kapaċi tiskambja l-informazzjoni kklassifikata, u l-informazzjoni sensittiva li ma tkunx ikklassifikata, kif speċifikat f'dan l-Artikolu. | 6. Iċ-Ċentru għandu jiżviluppa, juża u jħaddem sistema ta' informazzjoni li tkun kapaċi tiskambja l-informazzjoni kklassifikata, u l-informazzjoni sensittiva li ma tkunx ikklassifikata, kif speċifikat f'dan l-Artikolu***, f'konformità mal-Artikoli 27 u 33 tar-Regolament (UE) 2018/1725***. |

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt c**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 23 – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Id-direttur għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Id-direttur għandu jibgħat ukoll din ir-risposta lill-Bord tal-Amministrazzjoni u lill-Kummissjoni. | 8. Id-direttur għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Id-direttur għandu jibgħat ukoll din ir-risposta lill-Bord tal-Amministrazzjoni***, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill*** u lill-Kummissjoni. |

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 24

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) L-Artikolu 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Artikolu 24 | "Artikolu 24 |
| Applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju | Applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju |
| L-Artikolu ***185*** tar-Regolament ***Finanzjarju*** għandu jgħodd biex jissensja l-budget taċ-Ċentru, ir-regoli tal-verifika u tal-kontijiet tiegħu. | L-Artikolu ***70*** tar-Regolament ***(UE, Euratom) 2018/1046 għandu japplika għall-kwittanza tal-baġit taċ-Ċentru, ir-regoli tal-verifika u tal-kontijiet tiegħu."*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament Finanzjarju (ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1606/2002, deskritt fil-Premessa 12 tar-Regolament (KE) Nru 851/2004, tħassar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, li minn dak iż-żmien 'l hawn tħassar bir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.*

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa [jekk jogħġbok daħħal id-data ta' tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ] ***tal-2023***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tal-Amministrazzjoni dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru, li jinkludi valutazzjoni ta': | Sa ... [jekk jogħġbok daħħal id-data ta' tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament emendatorju***], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tal-Amministrazzjoni dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru, li jinkludi valutazzjoni ta': |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għall-2023 tidher li hija żball ta' abbozzar minħabba li r-rapport għandu jiġi ppubblikat tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju.*

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) kif iċ-Ċentru implimenta l-istrutturi ta' governanza msemmija fl-Artikoli 14, 17 u 18;*** |

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 31 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sa [jekk jogħġbok daħħal id-data ta' ***tliet*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ] ***tal-2028***, u kull ħames snin minn hemm' il quddiem, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-prestazzjoni taċ-Ċentru fir-rigward tal-għanijiet, tal-mandat, tal-kompiti, tal-proċedura u tal-lokalizzazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat taċ-Ċentru, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kull modifika ta' dan it-tip. | 2. Sa ... [jekk jogħġbok daħħal id-data ta' ***ħames*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament emendatorju***], u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-prestazzjoni taċ-Ċentru fir-rigward tal-għanijiet, tal-mandat, tal-kompiti, tal-proċedura u tal-lokalizzazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat taċ-Ċentru, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kull modifika ta' dan it-tip. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għall-2028 tidher li hija żball ta' abbozzar peress li r-rieżami tal-prestazzjoni taċ-Ċentru fir-rigward tal-objettivi, il-mandat, il-kompiti, il-proċedura u l-lokalizzazzjoni tiegħu x'aktarx tkun aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju. Barra minn hekk, minħabba n-natura tal-proċess ta' rieżami, li jista' jirriżulta f'bidliet leġiżlattivi, għandu jingħata żmien addizzjonali lill-Kummissjoni.*

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 31 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta l-Kummissjoni tkun tal-fehma li ma jkunx iġġustifikat li ċ-Ċentru jibqa' jaħdem fir-rigward tal-għanijiet, tal-mandat u tal-kompiti assenjati lilu, hija tista' tipproponi li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jiġu emendati kif xieraq jew inkella jitħassru. | 3. ***Abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament.*** Meta l-Kummissjoni tkun tal-fehma li ma jkunx iġġustifikat li ċ-Ċentru jibqa' jaħdem fir-rigward tal-għanijiet, tal-mandat u tal-kompiti assenjati lilu, hija tista' tipproponi li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jiġu emendati kif xieraq jew inkella jitħassru. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni ma tesprmix b'mod ċar id-dritt tal-Kummissjoni li tipproponi bidliet fil-mandat taċ-Ċentru.*

## NOTA SPJEGATTIVA

Bħala parti mill-isforzi tal-Unjoni biex ittejjeb il-mekkaniżmi tagħha għat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa, ir-Regolament ta' twaqqif taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), adottat fl-2004, għandu jiġi soġġett mill-ewwel reviżjoni tiegħu. Il-pandemija tal-COVID-19, ikkawżata minn coronavirus tas-sindromu respiratorju akut gravi 2 (SARS-CoV-2), żvelat lakuni sinifikanti fit-tħejjija u r-rispons tal-Unjoni. L-Unjoni qatt ma ffaċċjat theddida aktar serja għas-saħħa pubblika; il-pandemija attwali għadha 'l bogħod mit-tmiem tagħha u huwa mistenni li tifqigħat futuri jinbtu aktar ta' spiss.

L-Unjoni jeħtiġilha tkun kapaċi tantiċipa, tħejji ruħha u tiġġestixxi epidemiji futuri b'mod aħjar. Jeħtieġ li tliet elementi importanti jitqiesu fl-emenda tar-Regolament ta' twaqqif tal-ECDC (ir-"Regolament emendatorju tal-ECDC").

L-ewwel nett: il-proposta tal-Kummissjoni hija parti minn pakkett konsolidat u interkonness ta' miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li l-għan tagħhom huwa li tinbena Unjoni Ewropea tas-Saħħa li se ssaħħaħ ukoll il-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u tistabbilixxi l-elementi ċentrali ta' Awtorità futura għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA) sabiex tindirizza t-theddid transfruntier għas-saħħa b'mod aktar effettiv. Madankollu, minħabba li l-proposta leġiżlattiva għall-HERA hija prevista għar-raba' kwart tal-2021, l-implikazzjonijiet tagħha għall-ECDC mhux se jiġu determinati għal xi żmien. Għalhekk, għalkemm dan ir-rapport għandu jinftiehem fil-kuntest tal-pakkett tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, irid, b'mod partikolari, jinqara flimkien mal-proposta għal regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE, li tistabbilixxi għadd ta' metodi u kriterji li huma applikabbli għar-Regolament emendatorju tal-ECDC.

It-tieni punt: l-ECDC huwa limitat mir-riżorsi finanzjarji tiegħu. L-ECDC għandu baġit annwali approssimattiv ta' EUR 60 miljun b'madwar 300 kariga previsti fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Dan huwa sostanzjalment inqas minn dak li huwa meħtieġ biex l-Unjoni tkun ippreparata aħjar u aktar reżiljenti fil-qasam tas-saħħa pubblika. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li fil-preżent, kważi l-persunal kollu tal-ECDC qiegħed jaħdem fuq il-pandemija tas-SARS-CoV-2 filwaqt li oqsma kritiċi oħra ta' ħidma ta' mard infettiv qed jiġu mwarrba. Dawn il-limitazzjonijiet tar-riżorsi jwasslu għal tqabbil li jikkuntrasta maċ-Ċentri għall-Kontroll u l-Prevenzjoni tal-Mard tal-Istati Uniti (is-CDC tal-Istati Uniti), li kiber u żviluppa matul sebgħin sena u bħalissa huwa mgħammar b'baġit annwali ta' aktar minn USD 10 biljun u b'aktar minn 10 000 kariga.

It-tielet punt: it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula li "l-azzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika" (l-Artikolu 168(7)). Il-bażi ġuridika għall-proposta tal-Kummissjoni hija l-Artikolu 168(5) tat-TFUE, li jipprevedi miżuri tal-Unjoni "għall-ġlieda kontra l-ikbar

flaġelli transkonfinali għas-saħħa, miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa, l-allert fuq dan it-theddid u l-ġlieda kontrih, (...) bl-esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri".

Konsegwentement, nemmen li r-regolament emendatorju tal-ECDC għandu jipprijoritizza soluzzjonijiet prattiċi u prammatiċi mmirati lejn it-titjib tal-kooperazzjoni, l-iskambju tal-informazzjoni, l-għarfien espert, u l-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa u l-ECDC innifsu, kif ukoll organizzazzjonijiet oħra fejn rilevanti (pereżempju, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini). Din il-kooperazzjoni mtejba għandha tippermetti tħejjija u rispons ikkoordinat b'mod aħjar.

Biex tkun effettiva, tali kollaborazzjoni awmentata teħtieġ trasparenza u responsabbiltà reċiproka bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni – peress li huma biss flimkien jistgħu jiksbu riżultati komparabbli ma' dawk tas-CDC tal-Istati Uniti. Madankollu, kwalunkwe dispożizzjoni fir-regolament emendatorju tal-ECDC ma għandhiex tagħti lok għal tħassib li l-Unjoni qed tindaħal fil-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri. Għalhekk, rattabt il-lingwaġġ fir-rigward tal-valutazzjoni u l-awditjar tal-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri sabiex titnaqqas kwalunkwe kritika potenzjali mill-bliet kapitali nazzjonali.

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi wkoll xi kompiti ġodda għall-ECDC, bħall-individwar, il-monitoraġġ, u r-rappurtar dwar theddid għal sustanzi ta' oriġini umana, bħad-demm, l-organi, it-tessuti u ċ-ċelloli. Filwaqt li nifhem l-importanza ta' dan ir-rwol ġdid, nemmen li l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'dan in-network għandha tkun volontarja fl-ewwel fażi. Jekk dan l-element ġdid għall-ECDC tas-sorveljanza epidemjoloġika jkun ta' suċċess, imbagħad wara rieżami jkun jista' jsir obbligatorju. Madankollu għalissa, l-ECDC għandu jiffoka primarjament fuq il-kompiti ewlenin tiegħu, jiġifieri, li jidentifika, jivvaluta u jikkomunika theddid attwali u emerġenti ta' mard komunikabbli.

Dan ir-rapport jinkludi wkoll għadd ta' adattamenti tekniċi, peress li kien hemm ħafna bidliet kemm fit-Trattati kif ukoll f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, bħal, pereżempju, regolamenti finanzjarji, li jridu jiġu riflessi wkoll fir-regolament emendatorju tal-ECDC biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-konsistenza.

29.4.2021

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard
(COM(2020)0726 – C9-0366/2020 – 2020/0320(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Niclas Herbst

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-bidliet proposti għar-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], jistgħu jinġabru fil-qosor fi 3 partijiet:

1. Mandat imsaħħaħ għaċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ECDC) li jindirizza s-sorveljanza, it-tħejjija, it-twissija bikrija u r-rispons f'qafas imsaħħaħ tal-UE għas-sigurtà tas-saħħa.

2. Il-konsistenza tar-regolament fundatur tal-ECDC ma' strumenti oħra tal-Unjoni u mal-proposta ta' Regolament emendatorju dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa.[2]

3. Konformità mal-"approċċ komuni" għall-aġenziji deċentralizzati, kif stabbilit fid-"Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati"[3].

Ir-rapporteur permanenti tal-Kumitat BUDG għall-aġenziji, ikkonċentra l-analiżi fuq il-punt 3 tal-bidliet proposti, b'mod partikolari l-bidliet proposti dwar il-governanza, il-proċeduri finanzjarji, ir-responsabbiltà u t-trasparenza. Barra minn hekk, l-implikazzjonijiet baġitarji ta' dan il-mandat estiż ġew ivvalutati. Il-valutazzjoni hija bbażata b'mod partikolari fuq id-dokumenti ta' referenza li ġejjin:

[1]ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1
[2]COM(2020) 727 final
[3]https://europa.eu/europeanunion/sites/europaeu/files/docs/body/joint_statement_and_common_approach_2012_en.pdf

- ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4]
- Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012 u l-Approċċ Komuni
- ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2019 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi u tad-Dikjarazzjoni Konġunta li tiżgura l-iskrutinju parlamentari fuq l-aġenziji deċentralizzati (rapport Schoepflin)[5]
- Rapport Speċjali tal-QEA - Il-futur tal-aġenziji tal-UE[6]
- Studju tad-dipartiment tematiku C - Aġenziji tal-UE u kunflitt ta' interess[7]
- Ftehim dwar il-QFP

B'mod ġenerali, ir-rapporteur jilqa' pożittivament il-bidliet proposti peress li fil-biċċa l-kbira huma konformi mal-approċċ komuni żviluppat dwar l-aġenziji u mar-rikjesti mressqa mill-Parlament minn mindu ġie stabbilit ir-regolament fundatur tal-ECDC fl-2004. B'mod partikolari, it-tibdiliet proposti fl-Artikolu 14 (Il-Bord ta'Amministrazzjoni) li jintroduċu abbozzi ta' dokumenti uniċi ta' programmazzjoni u programmi ta' ħidma pluriennali huma konformi mar-rikjesti li saru fir-rapport Schoepflin tal-PE. Dawn l-għodod, anki skont is-sejbiet tal-QEA, se jippermettu wkoll l-iżvilupp ulterjuri ta' qafas ta' ġestjoni u monitoraġġ orjentat lejn il-prestazzjoni. L-emendi proposti għall-proposta tal-Kummissjoni huma għalhekk prinċipalment biss biex jiċċaraw aktar xi punti.

**Inċertezza dwar il-baġit**

Jekk il-koleġiżlatur jiddeċiedi dwar mandat imsaħħaħ tal-ECDC, dan ovvjament se jkollu impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni 2021-2027. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-implikazzjonijiet baġitarji huma prinċipalment relatati mal-objettivi li ġejjin:

- it-twaqqif ta' pjattaforma ġdida għall-monitoraġġ tat-tilqim, ospitata b'mod konġunt mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u miċ-Ċentru;
- attivitajiet ta' ppjanar ta' tħejjija u rispons inkluż l-immudellar, l-antiċipazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni;
- networks ġodda għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni u għat-trasfużjoni, it-trapjant u r-riproduzzjoni assistita b'mod mediku;
- it-tisħiħ tas-sistemi ta' sorveljanza u tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons;

[4] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32019R0715
[5] https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0134_MT.html
[6] https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR20_22/SR_Future_of_EU_Agencies_MT.pdf
[7] https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/621934/IPOL_STU(2020)621934_MT.pdf

- il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa u l-identifikazzjoni ta' gruppi tal-popolazzjoni f'riskju u fil-bżonn ta' miżuri mmirati ta' prevenzjoni u rispons
- il-ħolqien ta' "Task Force tas-Saħħa tal-UE" biex jappoġġa lill-pajjiżi fit-tisħiħ tat-tħejjija u li jintervjeni malajr fi kriżi tas-saħħa;
- it-titjib tal-kollaborazzjoni internazzjonali u l-ġbir ta' intelligence reġjonali/nazzjonali.

Skont id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva, il-Kummissjoni biħsiebha tindirizza dan bi programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali. Il-baġit addizzjonali propost għall-ECDC jista' jiġi ffinanzjat permezz ta' tnaqqis fil-baġit tal-UE għas-Saħħa fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, minħabba r-riflessjoni li għaddejja bħalissa dwar il-ħolqien ta' Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA)[8], proposta ppjanata għar-raba' trimestru tal-2021, il-Kummissjoni ssostni li żżomm id-dritt li taġġusta r-riżorsi proposti u l-allokazzjoni tal-persunal meta titressaq proposta preċiża għall-HERA.

Ir-rapporteur jistma li fix-xhur li ġejjin, se jkun importanti li jiġi approfondit il-fehim tal-interazzjonijiet bejn l-UE għas-Saħħa, l-EMA, l-ECDC u l-HERA l-ġdida sabiex jiġi vvalutat jekk ir-riżorsi finanzjarji limitati fl-Intestatura 2 humiex biżżejjed biex tintlaħaq l-ambizzjoni u kif ir-riżorsi jistgħu jintużaw bl-aktar modi effiċjenti.

[8] https://www.europarl.europa.eu/legislative-train/theme-promoting-our-european-way-of-life/file-european-biomedical-research-and-development-agency

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-virus responsabbli għall-COVID-19 bħala pandemija globali. Mill-isfidi mġarrba fir-rispons għall-pandemija deher ċar li r-rwol taċ-Ċentru fil-qafas tal-Unjoni għat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa jenħtieġ li jissaħħaħ. | (3) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-virus responsabbli għall-COVID-19 bħala pandemija globali. Mill-isfidi mġarrba fir-rispons għall-pandemija deher ċar li r-rwol taċ-Ċentru fil-qafas tal-Unjoni għat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa jenħtieġ li jissaħħaħ ***sabiex jintuża aħjar il-potenzjal tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jirreaġixxu għal pandemiji futuri***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Azzjoni meħuda fil-livell tal-Unjoni hija mmirata biex tikseb valur miżjud, b'appoġġ u b'rispett għall-kompetenzi tal-Istati Membri. It-tisħiħ tal-istrutturi u l-għarfien espert eżistenti fil-livell tal-Unjoni, l-iżgurar li jinkisbu l-koerenza u s-sinerġiji, u l-evitar tad-duplikazzjoni huma essenzjali.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Huwa essenzjali li r-relazzjoni bejn l-ECDC, l-UE għas-Saħħa, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u d-WHO tkun effikaċi, koerenti u bla xkiel u li jiġu evitati d-duplikazzjoni u t-trikkib, kemm fir-rigward tal-mandati kif ukoll tal-baġit.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Waħda mit-tagħlimiet tal-pandemija tal-COVID-19 kienet li ċ-Ċentru jeħtieġ li jissaħħaħ u li hemm bżonn ta' aktar koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni fir-rigward tal-mekkaniżmi għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard. Koordinazzjoni tajba fil-livell tal-Unjoni tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li huwa ta' theddid għas-saħħa transkonfinali hija essenzjali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ċ-Ċentru jkollu l-kapaċità li jevalwa f'ras il-għajn kif il-korpi ta' koordinazzjoni nazzjonali japplikaw dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) It-twettiq tal-kompiti u l-missjonijiet taċ-Ċentru jiddependi mill-fatt li ċ-Ċentru jkollu baġit adegwat u l-eżistenza ta' kooperazzjoni tajba u konformità min-naħa tal-Istati Membri.*** |

***Sabiex isegwi l-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-obbligi li jinsabu fir-Regolament, jenħtieġ li ċ-Ċentru jitħalla jwettaq spezzjonijiet f'ras il-għajn.***

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jivvalutaw is-sitwazzjoni epidemjoloġika u jwettqu valutazzjoni tar-riskju u rispons preċiżi, jenħtieġ li b'mod partikolari ċ-Ċentru jimmonitorja u jirrapporta dwar ix-xejriet fil-mard komunikabbli, jappoġġa u jiffaċilita l-azzjonijiet ta' rispons ibbażati fuq l-evidenza, jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-programmi ta' prevenzjoni u kontroll tal-mard komunikabbli stabbiliti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, jimmonitorja u jivvaluta l-kapaċità tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa għad-dijanjostikar, il-prevenzjoni u t-trattament tal-mard komunikabbli, anki b'mod sensittiv għall-ġeneru, jidentifika l-gruppi tal-popolazzjoni li jinsabu f'riskju u li jeħtieġu miżuri speċifiċi, janalizza t-tqabbil tal-fatturi soċjetali u ambjentali mal-inċidenza tal-mard, u jidentifika l-fatturi tar-riskju għat-trażmissjoni, u għas-severità tal-mard komunikabbli, u jidentifika l-prijoritajiet u l-oqsma fejn hemm l-aktar bżonn ta' riċerka. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jaħdem ma' punti ta' kuntatt nazzjonali nnominati għas-sorveljanza, li jiffurmaw network li jagħti l-pariri b'mod strateġiku liċ-Ċentru dwar tali kwistjonijiet u jippromwovi l-użu ta' setturi abilitanti, bħad-data u s-servizzi spazjali tal-UE. | (10) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jivvalutaw is-sitwazzjoni epidemjoloġika u jwettqu valutazzjoni tar-riskju u rispons preċiżi, jenħtieġ li b'mod partikolari ċ-Ċentru jimmonitorja u jirrapporta dwar ix-xejriet fil-mard komunikabbli, jappoġġa u jiffaċilita l-azzjonijiet ta' rispons ibbażati fuq l-evidenza, jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-programmi ta' prevenzjoni u kontroll tal-mard komunikabbli stabbiliti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, jimmonitorja u jivvaluta l-kapaċità tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa għad-dijanjostikar, il-prevenzjoni u t-trattament tal-mard komunikabbli, anki b'mod sensittiv għall-ġeneru, jidentifika l-gruppi tal-popolazzjoni li jinsabu f'riskju u li jeħtieġu miżuri speċifiċi, janalizza t-tqabbil tal-fatturi soċjetali u ambjentali mal-inċidenza tal-mard, u jidentifika l-fatturi tar-riskju għat-trażmissjoni, u għas-severità tal-mard komunikabbli, u jidentifika ***u jindirizza*** l-prijoritajiet u l-oqsma fejn hemm l-aktar bżonn ta' riċerka. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jaħdem ma' punti ta' kuntatt nazzjonali nnominati għas-sorveljanza, li jiffurmaw network li jagħti l-pariri b'mod strateġiku liċ-Ċentru dwar tali kwistjonijiet u jippromwovi l-użu ta' setturi abilitanti, bħad-data u s-servizzi spazjali tal-UE. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jtejjeb il-kapaċitajiet ta' tħejjija u ta' rispons fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni billi jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku u tekniku lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru jwettaq diversi azzjonijiet, fosthom l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' tħejjija u ta' rispons tal-Unjoni u nazzjonali, u ***oħfsa*** ta' monitoraġġ u valutazzjoni tat-tħejjija, jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal tifqigħat ta' mard u dwar it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jiġbor u janalizza firxa usa' ta' data, mis-sorveljanza epidemjoloġika u dwar kwistjonijiet tas-saħħa relatati, dwar il-progress ta' sitwazzjonijiet ta' epidemija, dwar fenomeni mhux normali fl-epidemiji, jew meta jkun hemm xi mard ġdid ta' oriġini mhux magħrufa, anki f'pajjiżi terzi, jiġbor ukoll id-data molekulari dwar il-patoġeni u d-data tas-sistemi tas-saħħa. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ċ-Ċentru jiżgura settijiet tad-data xierqa kif ukoll il-proċeduri biex jiffaċilita l-konsultazzjoni, u t-trażmissjoni tad-data u l-aċċess għaliha, iwettaq evalwazzjoni xjentifika u teknika tal-miżuri ta' prevenzjoni u kontroll fil-livell tal-Unjoni u jaħdem mal-aġenziji, mal-korpi kompetenti u mal-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-ġbir tad-data.

*Emenda*

(14) Jenħtieġ li ċ-Ċentru jtejjeb il-kapaċitajiet ta' tħejjija u ta' rispons fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni billi jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku u tekniku lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru jwettaq diversi azzjonijiet, fosthom l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' tħejjija u ta' rispons tal-Unjoni u nazzjonali, u ***oqfsa usa'*** ta' monitoraġġ u valutazzjoni tat-tħejjija ***tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni***, jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar il-kapaċitajiet għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal tifqigħat ta' mard u dwar it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali. Jenħtieġ li ċ-Ċentru jiġbor u janalizza firxa usa' ta' data, mis-sorveljanza epidemjoloġika u dwar kwistjonijiet tas-saħħa relatati, dwar il-progress ta' sitwazzjonijiet ta' epidemija, dwar fenomeni mhux normali fl-epidemiji, jew meta jkun hemm xi mard ġdid ta' oriġini mhux magħrufa, anki f'pajjiżi terzi, jiġbor ukoll id-data molekulari dwar il-patoġeni u d-data tas-sistemi tas-saħħa. Għal dan il-għan, jenħtieġ li ċ-Ċentru jiżgura settijiet tad-data xierqa kif ukoll il-proċeduri biex jiffaċilita l-konsultazzjoni, u t-trażmissjoni tad-data u l-aċċess għaliha, iwettaq evalwazzjoni xjentifika u teknika tal-miżuri ta' prevenzjoni u kontroll fil-livell tal-Unjoni u jaħdem mal-aġenziji, mal-korpi kompetenti u mal-organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-ġbir tad-data.

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament li jespandi l-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru sabiex tissaħħaħ il-kapaċità taċ-Ċentru biex jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku meħtieġ u biex jappoġġa azzjonijiet li jiġġieldu t-theddid transkonfinali serju għas-saħħa fl-Unjoni ma jistgħux jinkisbu sew mill-Istati Membri, iżda minħabba n-natura transkonfinali tat-theddid għas-saħħa u l-ħtieġa ta' rispons rapidu, ikkoordinat u koerenti, dawn jistgħu jinkisbu fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet. | (22) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament li jespandi l-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru sabiex tissaħħaħ il-kapaċità taċ-Ċentru biex jipprovdi l-għarfien espert xjentifiku meħtieġ u biex jappoġġa azzjonijiet li jiġġieldu t-theddid transkonfinali serju għas-saħħa fl-Unjoni ma jistgħux jinkisbu sew mill-Istati Membri, iżda minħabba n-natura transkonfinali tat-theddid għas-saħħa u l-ħtieġa ta' rispons rapidu, ikkoordinat ***aħjar*** u koerenti għal ***theddidiet emerġenti ġodda għas-saħħa***, dawn jistgħu jinkisbu fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) L-għoti ta' objettivi u ta' responsabbiltajiet ġodda liċ-Ċentru se jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Unjoni biex tappoġġja t-tħejjija, is-sorveljanza, il-valutazzjoni tar-riskju, it-twissija bikrija u r-rispons rapidu biex jiġu ffaċċjati theddidiet transfruntiera futuri għas-saħħa. Tali objettivi u responsabbiltajiet ġodda se jkollhom impatt finanzjarju fuq il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-27 u għalhekk għandhom ikunu akkumpanjati minn riżorsi addizzjonali li għandhom ikunu disponibbli taħt l-istrumenti ta' flessibbiltà differenti tal-proċeduri*** |

***baġitarji annwali. Tali riżorsi addizzjonali għandhom jiżguraw li r-riżorsi finanzjarji ta' attivitajiet jew ta' programmi diġà previsti fil-qasam tas-saħħa pubblika, bħall-UE għas-Saħħa, ma jiġux affettwati b'mod negattiv;***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22b) Iċ-Ċentru għandu jippromwovi sinerġiji ma' korpi u aġenziji oħra tal-Unjoni, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), u l-Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA) sabiex jiżgura li jkun hemm tħejjija u rispons effettivi u aktar koordinati tal-Unjoni f'każ ta' kriżijiet tas-saħħa;*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fl-insegwiment tal-missjoni tiegħu, iċ-Ċentru għandu jqis ir-responsabbiltajiet ***kollha*** tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-aġenziji l-oħra tal-Unjoni, kif ukoll ir-responsabbiltajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa pubblika, sabiex jiżgura l-kompletezza, il-koerenza u l-komplementarjetà tal-azzjoni. | Fl-insegwiment tal-missjoni tiegħu, iċ-Ċentru għandu jqis ***b'mod sħiħ*** ir-responsabbiltajiet ***u l-kompetenzi*** tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u ta' korpi u aġenziji oħra tal-Unjoni, kif ukoll ir-responsabbiltajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa pubblika, sabiex jiżgura l-kompletezza, il-koerenza u l-komplementarjetà tal-azzjoni**,** |

***biex jevita l-irduppjar u jiżgura li l-prinċipju tas-sussidjarjetà jkun irrispettat***.

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fi ħdan ***il-kapaċità finanzjarja u l-mandat*** tiegħu, iċ-Ċentru għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin: | 2. Fi ħdan ***il-mandat*** tiegħu, iċ-Ċentru għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin: |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jimmonitorja l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa rilevanti għall-ġestjoni ta' theddid ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa***;*** | (e) jimmonitorja ***u jispezzjona*** l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa rilevanti għall-ġestjoni ta' theddid ta' mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali oħra tas-saħħa; |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) jipprovdi informazzjoni f'waqtha lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-aġenziji tal-Unjoni u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fi ħdan il-qasam tas-saħħa pubblika;*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt jb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) jorganizza spezzjonijiet fuq il-post f'kull Stat Membru, li għandhom jitwettqu minn spettur mill-korp ta' spetturi maħtura miċ-Ċentru għal perjodu ta' 4 snin. Kull Stat Membru għandu jwettaq mill-inqas spezzjoni waħda fil-perjodu ta' 4 snin, iżda aktar spezzjonijiet jistgħu jiġu mitluba fuq bażi ta' każ b'każ biex jingħata appoġġ addizzjonali u sorveljanza għall-progress. Ir-riżultati tal-ispezzjoni fi Stat Membru għandhom jiġu ppreżentati f'rapport lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-aġenziji rilevanti tal-UE. Ir-rapport għandu jivvaluta l-konformità tal-Istat Membru mal-obbligi imposti mir-Regolament u r-rakkomandazzjonijiet mill-ispetturi li jirrigwardaw kif tittejjeb is-sitwazzjoni.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jikkoordinaw u jikkollaboraw maċ-Ċentru fil-missjonijiet u l-kompiti kollha msemmija fl-Artikolu 3.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jipprovdu l-mezzi finanzjarji u l-infrastruttura diġitali neċessarji għall-korp ta' koordinazzjoni kompetenti u jiffaċilitaw il-missjoni taċ-Ċentru billi jipprovdu l-informazzjoni mitluba f'waqtha;*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5 – paragrafu 6 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Iċ-Ċentru għandu jipprovdi assistenza teknika lil-laboratorji tal-Unjoni biex ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom ta' detezzjoni u ta' sekwenzjar speċjalment fl-Istati Membri li m'għandhomx il-kapaċità meħtieġa.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 5a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iċ-Ċentru għandu jiżviluppa qafas għall-prevenzjoni tal-mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali, inkluż il-mard prevenibbli b'vaċċin, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-edukazzjoni dwar is-saħħa, | 2. ***F'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u ma' korpi u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| il-litteriżmu fis-saħħa u t-tibdil tal-imġiba. | ***internazzjonali,*** iċ-Ċentru għandu jiżviluppa qafas għall-prevenzjoni tal-mard komunikabbli u kwistjonijiet speċjali, inkluż il-mard prevenibbli b'vaċċin, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-edukazzjoni dwar is-saħħa, il-litteriżmu fis-saħħa u t-tibdil tal-imġiba. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iċ-Ċentru għandu jassigura li l-pubbliku u kull parti interessata jingħataw rapidament, informazzjoni oġġettiva, affidabbli, bbażata fuq l-evidenza u aċċessibbli faċilment f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultati tal-ħidmiet tiegħu. Iċ-Ċentru għandu jippubblika l-informazzjoni***, inkluż*** permezz ta' sit web apposta. Għandu jippubblika wkoll l-opinjonijiet tiegħu prodotti f'konformità mal-Artikolu 6."; | Iċ-Ċentru għandu jassigura li l-pubbliku u kull parti interessata jingħataw rapidament, informazzjoni oġġettiva, affidabbli, bbażata fuq l-evidenza u aċċessibbli faċilment f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultati tal-ħidmiet tiegħu. Iċ-Ċentru għandu jippubblika l-informazzjoni ***għall-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari*** permezz ta' sit web apposta ***disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.*** Għandu jippubblika wkoll l-opinjonijiet tiegħu prodotti f'konformità mal-Artikolu 6.; |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt b**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 14 – paragrafu 5 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jadotta abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/715* u l-linji gwida relatati tal-Kummissjoni għad- | (e) ***sat-30 ta' Novembru ta' kull sena,*** jadotta abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/715* u l-linji gwida relatati tal-Kummissjoni għad- |

| | |
|---|---|
| Dokument Uniku ta' Programmazzjoni***;* | Dokument Uniku ta' Programmazzjoni** ***Id-dokument uniku ta' programmazzjoni għandu jiġi adottat meta tingħata opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni u, fir-rigward tal-programmazzjoni pluriennali, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.*** |

*Ġustifikazzjoni*

**Żieda f'konformità mal-formulazzjoni f'atti bażiċi oħra tal-aġenziji.**

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 17 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Qabel il-ħatra, il-kandidat innominat mill-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jkun mistieden mingħajr dewmien biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet magħmula mill-membri ta' dik l-istituzzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-paragrafu jeżisti fir-Regolament (KE) Nru 851/2004 u għandu jinżamm hawnhekk.*

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt c**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 23 – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Id-direttur għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard | 8. Id-direttur għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard |

| | |
|---|---|
| mit-30 ta' Settembru. Id-direttur għandu jibgħat ukoll din ir-risposta lill-Bord tal-Amministrazzjoni u lill-Kummissjoni. | mit-30 ta' Settembru. Id-direttur għandu jibgħat ukoll din ir-risposta lill-Bord tal-Amministrazzjoni***, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill*** u lill-Kummissjoni. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 24

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) L-Artikolu 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Artikolu 24 | Artikolu 24 |
| Applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju | Applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju |
| L-Artikolu ***185*** tar-Regolament Finanzjarju għandu jgħodd biex jissensja l-budget taċ-Ċentru, ir-regoli tal-verifika u tal-kontijiet tiegħu. | L-Artikolu ***70*** tar-Regolament Finanzjarju għandu jgħodd ***għall-kwittanza tal-baġit*** taċ-Ċentru, ir-regoli tal-verifika u tal-kontijiet tiegħu. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 24 tar-Regolament l-antik ma ġiex emendat iżda r-referenza relatata mar-Regolament Finanzjarju hija skaduta. Qed jiġi propost l-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-Regolament Finanzjarju attwalment applikabbli).*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28**
Regolament (KE) Nru 851/2004
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) kif iċ-Ċentru implimenta l-istrutturi ta' governanza msemmija fl-Artikoli 14, 17 u 18;*** |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tar-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard |
| **Referenzi** | COM(2020)0726 – C9-0366/2020 – 2020/0320(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>14.12.2020 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>14.12.2020 |
| **Rapporteur**<br>Data tal-ħatra | Niclas Herbst<br>2.12.2020 |
| **Eżami fil-kumitat** | 4.3.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 12.4.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 31<br>–: 1<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, Robert Biedroń, Anna Bonfrisco, Olivier Chastel, Lefteris Christoforou, David Cormand, Paolo De Castro, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Geese Alexandra, Vlad Gheorghe, Valentino Grant, Elisabetta Gualmini, Francisco Guerreiro, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Zbigniew Kuźmiuk, Hélène Laporte, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Silvia Modig, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Johan Van Overtveldt, Rainer Wieland, Angelika Winzig |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 31 | + |
|---|---|
| ID | Hélène Laporte |
| PPE | Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Karlo Ressler, Rainer Wieland, Angelika Winzig |
| Renew | Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Moritz Körner, Nils Torvalds |
| S&D | Robert Biedroń, Paolo De Castro, Eider Gardiazabal Rubial, Elisabetta Gualmini, Eero Heinäluoma, Margarida Marques, Victor Negrescu, Nils Ušakovs |
| The Left | Silvia Modig, Dimitrios Papadimoulis |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, David Cormand, Alexandra Geese, Francisco Guerreiro |

| 1 | - |
|---|---|
| ID | Joachim Kuhs |

| 5 | 0 |
|---|---|
| ECR | Zbigniew Kuźmiuk, Bogdan Rzońca, Johan Van Overtveldt |
| ID | Anna Bonfrisco, Grant Valentino |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tar-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard |
| **Referenzi** | COM(2020)0726 – C9-0366/2020 – 2020/0320(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 12.11.2020 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>14.12.2020 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | BUDG<br>14.12.2020 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Joanna Kopcińska<br>14.12.2020 |
| **Eżami fil-kumitat** | 25.2.2021 23.3.2021 28.6.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 29.6.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 67<br>–: 8<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélia Beigneux, Monika Beňová, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Cyrus Engerer, Eleonora Evi, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Andreas Glück, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Ryszard Antoni Legutko, Peter Liese, Javi López, César Luena, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Dan-Ştefan Motreanu, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Linea Søgaard-Lidell, Maria Spyraki, Nicolae Ştefănuță, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Manuel Bompard, Annika Bruna, Kateřina Konečná, Sara Matthieu |
| **Data tat-tressiq** | 28.7.2021 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 67 | + |
|---|---|
| ECR | Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Joanna Kopcińska, Ryszard Antoni Legutko, Alexandr Vondra, Anna Zalewska |
| PPE | Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Christian Doleschal, Agnès Evren, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Peter Liese, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Dan-Ştefan Motreanu, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Maria Spyraki, Pernille Weiss, Michal Wiezik |
| RENEW | Pascal Canfin, Andreas Glück, Martin Hojsík, Jan Huitema, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ştefănuță, Linea Søgaard-Lidell, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Emma Wiesner |
| S&D | Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Cyrus Engerer, Jytte Guteland, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Sándor Rónai, Günther Sidl, Petar Vitanov, Tiemo Wölken |
| The Left | Manuel Bompard, Petros Kokkalis, Kateřina Konečná, Silvia Modig, Mick Wallace |
| Verts/ALE | Margrete Auken, Eleonora Evi, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Sara Matthieu, Tilly Metz, Ville Niinistö, Jutta Paulus |

| 8 | - |
|---|---|
| ECR | Rob Rooken |
| ID | Simona Baldassarre, Aurélia Beigneux, Annika Bruna, Marco Dreosto, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Silvia Sardone |

| 1 | 0 |
|---|---|
| NI | Ivan Vilibor Sinčić |

It-tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni